KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.4.2005
KUMM(2005) 124 finali

2005/0034 (CNS)
2005/0035 (CNS)

# KOMUNIKAT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW

**li jistabbilixxi programm qafas dwar "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" għall-perjodu 2007-2013**

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-Programm speċifiku "Prevenzjoni, Prevenzjoni u Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu" għall-Perjodu 2007-2013**

**Programm Ġenerali dwar "is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet"**

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**Li tistabbilixxi l-Programm speċifiku dwar il-"Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" għall-Perjodu 2007-2013,**

**Programm Ġenerali dwar "is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet"**

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2005) 436}

**KOMUNIKAT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW**

**li jistabbilixxi programm qafas dwar "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" għall-perjodu 2007-2013**

Il-Komunikat li jistabbilixxi programm qafas dwar "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" hu parti minn sett koerenti ta' proposti mmirati biex jipprovdu appoġġ adegwat għal żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja taħt il-perspettivi finanzjarji 2007. Tassew, it-tliet għanijiet prinċipali ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandhom jiġu żviluppati b'mod parallel u bl-istess livell ta' intensità, u b'hekk jippermettu strateġija bbilanċjata, ibbażata fuq il-prinċipji tad-demokrazija, rispett għad-drittijiet u libertajiet fundamentali, u s-supremazija tad-dritt. Kull wieħed minn dawn l-għanijiet huwa appoġġat mnn programm qafas, li jipprovdi għall-koerenza neċessarja bejn l-interventi rilevanti f'kull qasam politiku, u b'mod ċar jorbot l-għanijiet politiċi u r-riżorsi disponibbli biex isostnuhom. Barra minn hekk, din l-istruttura tirrappreżenta semplifikazzjoni maġġuri u razzjonalizzazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju eżistenti fil-qasam tal-libertà, ġustizzja u sigurtà, u b'hekk tippermetti flessibilità akbar fl-allokazzjoni tal-prijoritajiet u żjieda fit-trasparenza ġenerali.

## 1. DAĦLA

Fil-Komunikati tagħha li jfasslu l-orjentamenti strateġiċi tagħha għad-definizzjoni tal-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013[1], il-Kummissjoni diġà enfasizzat l-għan li ssostni l-iżvilupp fil-qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja b'riżorsi finanzjarji adewgati, li se jiġu inklużi f'Titlu ġdid relatat maċ-"Ċittadinanza, Libertà, Sigurtà u Ġustizzja". Skond l-għanijiet imfassla mill-Kunsill Ewropew, il-programm qafas 'dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet' propost iwieġeb għall-isfidi indikati hawn fuq.

Il-libertà tista' titgawda biss f'qafas ta' sigurtà personali pprovdut mil-liġi. B'mod partikolari, id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini jistgħu jiġu garantiti biss jekk ikunu mħarsa biżżejjed mill-atti kriminali, li ma jheddux biss il-libertà u d-drittijiet ta' l-individwi iżda wkoll is-soċjetà demokratika u s-supremazija tad-dritt.

Filwaqt li l-Istati Membri qed jieħdu r-responsabbiltà tagħhom biex jassiguraw il-libertà u s-sigurtà għal kulħadd f'żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-istituzzjonijiet Ewropej iridu jikkontribwixxu wkoll biex jissieltu kontra r-riskji għas-sigurtà li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini fil-ħajja ta' kuljum. Il-ħarsien tal-ħajja u l-proprjetà taċ-ċittadini hija dmir essenzjali li jagħti l-leġittimità lill-poter pubbliku u l-politika pubblika, u ċ-ċittadini jistennew li t-theddid għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom jiġi missielet fil-livell Ewropew. Barra minn hekk, il-libertà f'Ewropa mingħajr fruntieri tagħti responsabbiltà speċjali lill-Unjoni.

[1] Komunikat mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Nibnu l-futur komuni tagħna.- Sfidi politiċi u baġitarji ta' l-Unjoni wara t-tkabbir (2007-2013) - COM(2004) 101, 10.2.2004.
Komunikat mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Perspettivi finanzjarji 2007-2013, COM(2004) 487 final, 14.7.2004.

It-theddid tat-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità potenzjalment jaffetwaw kull ċittadin fl-Unjoni. L-atti terroristiċi jikkonċernaw lill-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, u mhux biss lill-pajjiż partikolari fejn iseħħu, għaliex huma attakki kontra l-valuri li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni. Filwaqt li l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu ilhom li ġew identifikati bħala theddid prinċipali għall-ambjent ta' sigurtà Ewropew (per eżempju, l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tat-12 ta' Diċembru 2003), ir-responsabbiltà ta' l-Unjoni testendi għat-titjib tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-kriminalità b'mod ġenerali. Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi mandat ċar għall-Unjoni biex tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà, billi tipprevjeni u tiġġieled il-kriminalità, organizzata jew le, b'mod partikolari t-terroriżmu, it-traffikar ta' persuni u offiżi kontra t-tfal, traffikar illegali ta' droga u traffikar illegali ta' armi, korruzzjoni u frodi permezz ta' kooperazzjoni iktar stretta bejn il-pulizija, l-awtoritajiet tad-dwana u awtoritajiet kompetenti oħra.

L-identifikazzjoni ta' bżonn qawwi ta' diversi azzjonijiet f'dan il-qasam ta' politika wasslet għall-bidu ta' proċess li taħtu r-rwol ta' l-Unjoni qiegħed dejjem jikber. Ix-xogħol li sar taħt dak li ġie msejjaħ Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna[2] u l-orjentamenti mogħtija mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere ta' l-1999 kien ta' suċċess. Waqt li l-Unjoni kienet tiffoka fuq azzjoni leġislattiva waqt il-fażi ta' twaqqif taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, komplementata b'appoġġ finanzjarju fuq skala pjuttost żgħira, ix-xogħol ta' l-Unjoni f'dan il-qasam issa għandu jidħol f'fażi fejn l-importanza operazzjonali hi iktar predominanti. Partikolarment fejn jidħol it-theddid terroristiku, il-kwistjonijiet ta' sigurtà akkwistaw urġenza ġdida, u b'hekk jeħtieġu strateġija iżjed operazzjonali u komprensiva.

Fuq il-bażi tal-Programm ta' The Hague adottat mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004, u b'konsiderazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità fuq livell Ewropew teħtieġ li tkun imsaħħa u estiża. Dan irid jinkludi t-tisħiħ u t-tqassim sistematiku (*streamlining)* ta' l-isforzi ta' l-Istati Membri, b'iktar enfasi fuq l-applikazzjoni soda ta' miżuri leġislattivi u politiċi. Il-valur miżjud Ewropew ta' interventi f'dan il-qasam jista' jintlaħaq, b'mod partikolari, billi l-Unjoni taġixxi ta' katalista: il-kooperazzjoni finanzjata mill-UE tqajjem il-kuxjenza dwar sfidi u theddid komuni u kwistjonijiet komuni oħra għall-Istati Membri, u b'hekk tiffaċilita l-ħolqien ta' strateġiji komuni f'oqsma tradizzjonalment qrib ħafna tas-sovranità nazzjonali. Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju jista' jassigura qsim ekwu ta' responsabbilitajiet bejn l-Istati Membri biex issaħħaħ is-solidarjetà bejniethom u jġib benefiċċji ġenerali f'termini ta' valur għall-ispiża offrut mill-istrateġija fuq l-UE kollha.

## 2. IL-PROGRAMM QAFAS PROPOST DWAR IS-SIGURTÀ L-ĦARSIEN TAL-LIBERTAJIET

### 2.1. Għanijiet u struttura tal-programm

Bħala tweġiba għall-isfidi ppreżentati hawn fuq, qed jiġi propost li jinħoloq programm qafas dwar is-"Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet". L-għan prinċipali ta' dan il-programm qafas huwa "li jassigura kooperazzjoni operazjonali effettiva fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inklużi l-konsegwenzi tiegħu, il-kriminalità organizzata u l-kriminalità ġenerali, li jsostni t-tqassim ta' *intelligence* fuq skala Ewropea u biex isaħħaħ il-prevenzjoni tal-kriminalità u t-terroriżmu, sabiex jippromwovi soċjetajiet bla perikli, ibbażati fuq is-supremazija tad-dritt.".

[2] ĠU C 19, 23.1.1999, pġ. 1.

Fuq il-bażi tal-Programm The Hague u fuq iktar analiżi tal-ħtiġijiet futuri fil-qasam tas-sigurtà, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għanijiet speċifiċi li ġejjin għandhom, b'mod partikolari, jiġu segwiti taħt il-programm ta' qafas:

– L-ewwel, l-interventi finanzjarji għandhom ikomplu jippromwovu u jiżviluppaw il-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-ftehim reċiproku bejn l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, awtoritajiet nazzjonali oħra u organi relatati ta' l-UE. Fi ħdan dawn l-attivitajiet prinċipali, trid tingħata attenzjoni partikolari għad-disponibilità, skambju u ġestjoni ta' l-informazzjoni u *intelligence* ta' kwalità aħjar għall-infurzar tal-liġi, komplementata b'miżuri adegwati, sodi u trasparenti dwar il-protezzjoni tad-*data*. Dan jikkontribwixxi għall-kwalità u l-effiċjenza ta' l-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri kollha. Element importanti ieħor se jkun l-evalwazzjoni ta' miżuri politiċi u leġislattivi eżistenti u futuri fuq livell ta' l-UE, inklużi l-applikabbilità u l-effiċjenza tagħhom.

– It-tieni, għandu jsir iktar enfasi fuq il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' sħubija bejn entitajiet pubbliċi u privati, u strateġiji dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità, l-istatistika u l-kriminoloġija, u dwar il-ħarsien tal-vittmi tal-kriminalità u x-xhieda. F'dan l-aspett, il-ħtiġijiet prinċipali se jkunu djalogu kostruttiv bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati (eż. aġenziji ta' infurzar tal-liġi, organizzazzjonijiet relatati ma' l-amministrazzjoni, kummerċ u vittmi), bażi statistika soda u għarfien akbar tal-fenomeni kriminoloġiċi. Sabiex tiġi żviluppata risposta komprensiva, xierqa u bilanċjata għal diversi forom ta' prevenzjoni ta' kriminalità, il-prevenzjoni tal-kriminalità fit-tul trid issir qasam orrizzontali i.e. element integrat tad-definizzjoni u l-implimetazzjoni ta' oqsma politiċi oħra, fl-Istati Membri kollha.

– It-tielet, hemm ħtieġa dejjem tikber ta' strateġija kkoordinata fl-Istati Membri kollha lejn il-prevenzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-konsegwenzi fejn jidħlu atti terroristiċi attwali u potenzjali. Dwar il-preparazzjoni, il-programm jimmira partikolarment biex jippromwovi, jappoġġa u jevalwa l-iskambju ta' għarfien, esperjenza u standards għall-protezzjoni ta' l-infrastruttura kritika, partikolarment permezz ta' assessjar tar-riskji u l-bżonnijiet u l-iżvilupp ta' standards komuni ta' sigurtà. Dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-konsegwenzi, il-programm jimmira biex jiżviluppa, jimplimenta u jippromwovi arranġamenti integrati ta' l-UE għall-immaniġjar tal-kriżijiet, u b'hekk jassigura skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni immedjata u effettiva bejn l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, sigurtà u protezzjoni ċivili.

Dawn l-għanijiet għandhom bażijiet legali differenti fit-Trattati. Min-naħa waħda, l-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-prevenzjoni tal-kriminalità b'mod ġenerali huma suġġetti għal Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Artikoli 29-42). Min-naħa l-oħra, il-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi fejn jidħlu attakki terroristiċi għandhom ikunu meqjusa bħala aspett speċifiku, li huwa kumplimentari mal-miżuri ġenerali ta' protezzjoni ċivili, li huma kwistjoni li għandha taqa' taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Artikolu 3(1)u). Minħabba dawn is-sistemi legali fondamentalment differenti, il-programm qafas irid ikun magħmul minn żewġ strumenti legali differenti.

L-ewwel strument legali se jkopri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u se jkun ibbażat fuq Artikoli 30 u 34(2)c tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan il-programm se jiffoka fuq tliet oqsma tematiċi: l-infurzar tal-liġi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-kriminoloġija, u l-protezzjoni tax-xhieda u l-vittmi. It-tieni strument legali se jkopri l-

prevenzjoni, il-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi ta' attakki terroristiċi, u se jkun ibbażat fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.[3]

Dan l-aħħar, il-Kummissjoni ppreżentat strateġiji u proposti dettaljati dwar ħafna minn dawn l-oqsma. B'mod partikolari, hawnhekk tista' ssir referenza għall-erba' Komunikati tal-Kummissjoni dwar it-terroriżmu ta' l-20 ta' Ottubru 2004,[4] għall-Komunikati dwar l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar offiżi terroristiċi,[5] dwar it-titjib tal-kooperazzjoni tal-pulizija u d-dwana fl-UE,[6] u lejn titjib fl-aċċess għall-informazzjoni mill-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.[7] Il-Kummissjoni fittxet ukoll parir minn esperti u Stati Membri f'diversi laqgħat ta' l-esperti dwar temi relatati u se tkompli tagħmel dan.

## 2.2. Valur miżjud Ewropew

Il-programm qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet se jżid il-valur ta' l-interventi nazzjonali eżistenti f'dan il-qasam billi jaġixxi ta' katalista: il-kooperazzjoni finanzjata mill-UE tqajjem il-kuxjenza dwar il-kwistjonijiet u valuri komuni bejn l-Istati Membri, u b'hekk tiffaċilita l-ħolqien ta' strateġiji komuni, inkluża l-leġislazzjoni f'dawn l-oqsma. Dan se jitwettaq bl-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' politika miftiehma ta' l-UE u l-promozzjoni ta' l-applikazzjoni tagħhom f'politika nazzjonali, l-appoġġ tat-traspożizzjoni ta' leġislazzjoni ta' l-UE u l-applikazzjoni tagħha b'mod uniformi fl-Ewropa kollha, il-promozzjoni ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinament u l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati.

Sett ta' kriterji ta' evalwazzjoni komuni se jiġi użat fuq l-aspetti kollha biex jevalwa l-valur miżjud ta' l-UE fir-rigward tat-tip ta' effett imfittex fl-interess ta' soċjetajiet bla perikli taħt dan il-programm qafas. Eżempji ta' dawn il-kriterji huma:

– Li jingħata appoġġ biss lill-attivitajiet meħtieġa f'livell Ewropew biex isostnu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

– Li jingħata appoġġ lill-attivitajiet li jkunu komplementari għal dawk finanzjati f'livell nazzjonali;

– Li jiġu msaħħa l-iskambji nazzjonali fuq livell Ewropew, u b'hekk jiġġeneraw effetti ta' sinerġija u t-tifdil proporzjonat li jitnissel minn attività wiesgħa;

– Li r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u partijiet interessati oħrajn rilevanti jiġu involuti b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-programm sabiex titkabbar kemm tista' l-komplementarjetà ma' l-attivitajiet eżistenti.

---

3 Ċerti miżuri Komunitarji, bħad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu tal-Komunità biex ikun iffaċilitat it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili, ĠU L 297, 15.11.2001, kienu bbażati fuq dan l-Artikolu.

4 Il-Komunikati COM(2004) 698 dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u tweġiba għall-attakki terroristiċi, COM(2004) 700 dwar il-finanzjament tar-terroriżmu, COM(2004) 701 dwar il-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi, u COM(2004) 702 dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika.

5 COM(2004) 221.

6 COM(2004) 376.

7 COM(2004) 429.

### 2.3. Komplementarjetà ma' strumenti u miżuri politiċi oħrajn

Bil-għan li jibbenefika mill-effetti tas-sinerġija, il-programm qafas se jikkomplementa l-attivitajiet ta' l-aġenziji fil-qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. L-Uffiċju tal-Pulizija ta' l-UE, l-Europol, se jkollu rwol dejjem akbar kemm fil-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-kriminalità inkluż it-terroriżmu. Ir-riżorsi finanzjarji tiegħu jistgħu fil-futur qarib jiżdiedu mill-*budget* Komunitarju. Il-proġetti transnazzjonali u nazzjonali taħt il-programm Prevenzjoni u Ġlieda Kontra l-Kriminalità se jkunu meħtieġa biex isaħħu u jikkomplementaw l-attivitajiet ta' l-Europol minflok ma jidduplikaw l-isforzi, skond il-programmi ta' xogħol annwali taħt iż-żewġ strumenti tal-programm qafas u l-kriterji ġenerali għall-għażla tal-proġetti li jimmiraw għall-valur miżjud Ewropew. Naturalment, l-azzjonijiet tal-Kummissjoni taħt il-programnm-qafas se jirrispettaw fis-sħiħ ir-responsabbiltajiet ta' l-Europol. Prinċipji korrispondenti se jiġu applikati għall-miżuri ta' taħriġ taħt il-programmi fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), li huwa mistenni li jkun iffinanzjat mill-*budget* Komunitarju.

Barra minn hekk, se tiġi assigurata komplementarjetà sħiħa ma' programmi Komunitarji oħra. Is-"Seba' Programm qafas" futur dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku se jippermetti appoġġ wiesa' għar-riċerka dwar is-sigurtà, inklużi dwar oqsma tematiċi bħall-infurzar tal-liġi, il-prevenzjoni tat-terroriżmu jew il-kriminalità organizzata, u dwar il-ħarsien tal-privatezza u ta' l-infrastruttura informatika kritika. Filwaqt li proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà taħt is-Seba' Programm qafas R&D se jiffokaw fuq it-teknoloġiji (mir-riċerka bażika sa riċerka pre-kompetittiva), riċerka "ratba" ukoll se tiġi koperta (eż. dwar kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi). Min-naħa l-oħra, il-programm qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet se jiffoka fuq il-finanzjament ta' studji speċifiċi, orjentati fuq għan partikolari, dwar kwistjonijiet bħall-appoġġ għall-politika, u l-applikazzjoni, implimentazzjoni jew adattar tat-teknoloġiji għal dan l-iskop. F'ċerti każi, tweġibiet konkreti għal bżonnijiet speċifiċi huma meħtieġa malajr għal perjodu qasir sabiex jiġi implimentat proġett ta' politika speċifiku u konkret. Għaldaqstant, il-programm qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet se jiffinanzja numru limitat ta' attivitajiet ta' riċerka direttament immirati biex iwaqqfu proġetti ta' politika konkreti inklużi r-riċerka. L-istatistiċi dwar il-kriminalità se jkunu żviluppati f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu fejn huwa meħtieġ tal-Programm Statistiku Komunitarju.

Rigward l-assistenza f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, il-Kummissjoni ipproponiet Fond ta' Solidarjetà u Strument ta' Tweġiba Rapida u Preparazzjoni għal emerġenzi maġġuri[8], biex tagħmel possibbli strateġija komuni għal sitwazzjonijiet maġġuri ta' emerġenza. L-iskop taż-żewġ strumenti se jinkludi t-tweġiba immedjata (eż. l-użu ta' riżorsi biex jaffrontaw diżastru), assistenza finanzjarja biex ikampaw ma' sitwazzjoni ta' emerġenza wara kriżi u, b'mod limitat, l-istat ta' preparazzjoni ġenerali. Filwaqt li dawn l-istrumenti ġodda se jipprovdu finanzjament Komunitarju rigward sitwazzjonijiet maġġuri ta' emerġenza *b'mod ġenerali*, aspett speċifiku tal-programm qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet se jimmira *speċifikatament* għall-prevenzjoni, il-preparazzjoni u l-ġestjoni ta' konsegwenzi ta' theddid terroristiku.

Dwar it-terroriżmu, hemm bżonn ta' preparazzjoni u għarfien tas-sigurtà speċifiċi li jmorru lil hinn mill-kunċetti ta' sigurtà ġenerali u protezzjoni ċivili. Per eżempju, il-vulnerabilità ta' l-infrastruttura għall-attakki terroristiċi jeħtieġ li tiġi analizzata taħt termini u standards ta'

[8] COM(2004) 487 ta' l-14.7.2004, pġ. 22.

sigurtà speċifiċi, li jridu jiġu żviluppati barra l-istandards ta' sigurtà ġenerali. F'dan ir-rigward, il-programm Dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu jiffoka fuq l-analiżi tat-theddid u r-riskji, u janalizza x'irid jiżdied mal-mekkaniżmi ġenerali ta' sigurtà sabiex tiġi protetta effettivament l-infrastruttura kritika kontra l-attakki terroristiċi, u jiżviluppa pjanijiet ta' kontinġenza speċifiċi.[9] Sa ċertu punt, il-programm se jippermetti appoġġ għal miżuri innovattivi bil-potenzjal ta' trasferiment għal-livell ta' l-UE jew għal Stati Membri oħra. Però, se tkun prinċipalment ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jaġġornaw is-sigurtà ta' l-infrastrutturi tagħhom skond il-bżonnijiet identifikati, fejn xieraq b'appoġġ mill-fondi strutturali jew ċerti programmi settorjali (e.g. fil-qasam tat-trasport, enerġija, saħħa pubblika jew ambjent). L-għanijiet speċifiċi tal-programm Dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu jevitaw li jidħlu fiż-żona ta' mekkaniżmi ġenerali bħal dawn.

Il-programm qafas u ż-żewġ strumenti tiegħu għandhom, għall-kuntrarju, l-għan li jtejbu s-sigurtà interna. B'konformità ma' l-istruttura proposta tal-qafas finanzjarju, id-dimensjoni esterna mhux se tkun inkluża fil-qafas tal-programm dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi se tkun meqjusa taħt Intestatura 4 tal-proposta ta' qafas finanzjarju, permezz ta' l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' għajnuna esterni ppreżentati mill-Kummissjoni f'Settembru 2004. Ir-rabtiet bejn is-sigurtà esterna u interna se jkunu inkorporati fiż-żewġ strumenti proposti taħt il-programm qafas, per eżempju permezz tal-possibbiltà għal pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jieħdu sehem fil-proġetti.

## 3. Razzjonalizzazzjoni u Semplifikazzjoni

### 3.1. Nibnu fuq l-istrumenti eżistenti

L-evalwazzjonijiet ta' l-azzjonijiet li l-UE appoġġjat tul is-snin f'dawn l-osqma juru bis-sħiħ il-bżonn li dawn ikunu mwettqa peress li jindirizzaw problemi speċifiċi u reali u jagħtu kontribut ta' kif dawn ikunu mwieġba b'mod pożittiv u komplementari ma' l-azzjonijiet nazzjonali żviluppati f'xi oqsma. Madankollu, dawn l-evalwazzjonijiet identifikaw ukoll xi nuqqasijiet li jeħtieġu jkunu indirizzati biex l-azzjonijiet ikunu jistgħu jiksbu riżultati aħjar. Fil-fatt, is-sitwazzjoni preżenti, b'numru kbir ta' entrati baġitarji ta' skala żgħira jew finanzjament *ad hoc*, ta' żmien limitat u mingħajr koerenza ġenerali, ma jippermettux lill-azzjonijiet ta' l-Unjoni li jkunu effiċjenti biżżejjed biex jilħqu l-għanijiet u jimmassimizza l-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji eżistenti. B'implimentazzjoni b'mod kompletament separat dawn il-programmi ma jimmassimizzawx is-sinerġija reali u jistgħu wkoll joħolqu xogħol doppju għalxejn. Finalment, biex jinkisbu l-aqwa riżultati, hemm bżonn li jkunu analizzati mill-ġdid l-għanijiet, it-tip ta' intervent u l-iskala tal-programm.

Il-programm qafas se jibni fuq il-lezzjonijiet meħuda minn interventi eżistenti f'dawn is-setturi, b'mod partikolari mill-esperjenza miksuba mill-programm qafas dwar il-pulizija u l-kooperazzjoni ġuridika dwar materji kriminali (AGIS)[10] u l-predeċessuri tiegħu. Minkejja li għadha qed issir evalwazzjoni dettaljata tal-programm AGIS, jista' jingħad li dan il-programm irriżulta ferm utli u ta kontribut konsiderevoli għat-titjib tal-ftehim reċiproku fost awtoritajiet nazzjonali u istituzzjonijiet. Madankollu, il-perspettivi finanzjarji l-ġodda, il-

---

9 Ara l-Komunikat COM(2004) 702 dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika.

10 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002, ĠU L 203, 1.8.2002, pġ. 5

Programm The Hague u t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jagħti lok għal orjentazzjoni strateġika ġdida tal-programmi finanzjarji rilevanti. F'dan l-aspett, il-programm Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità se jieħu post il-programm AGIS mill-2007 'il quddiem.

Fir-rigward tas-settur marbut mal-Prevenzjoni, Preparazzjoni u Ġestjoni tal-Konsegwenzi, waslet biex tittieħed azzjoni preparatorja taħt proġett pilota dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-proġett pilota hu mistenni li se jibda fis-sena 2005, bl-għan, *inter alia*, li jtejjeb il-komunikazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u tweġiba għal attakki terroristiċi, partikolarment għal attakki b'effetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri, dwar il-bini tal-kapaċitajiet u t-titjib teknoloġiku ta' l-atturi pubbliċi u d-djalogu dwar is-sigurtà bejn il-pubbliku u l-privat. Il-programm futur Dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu se jespandi din l-azzjoni preparatorja.

### 3.2. Arranġamenti ta' amministrazzjoni komuni

L-iskop tat-twaqqif ta' programm qafas f'dan il-qasam hu li jissemplifika u jirrazzjonalizza l-qafas kemm t-termini finanzjarji, legali u amministrattivi, biex iżid l-effiċjenza ta' l-istruttura baġitarja, biex iżid il-koerenza u l-konsistenza bejn il-programmi u biex jevita d-duplikazzjoni ta' l-isforzi. Iż-żewġ programmi speċifiċi se jkunu bbażati fuq karatteristiċi komuni fejn jidħol il-mekkaniżmu tat-twassil tagħhom: se jkunu amministrati mill-Kummissjoni (fil-prinċipju, amministrazzjoni diretta ċentralizzata), assistita minn kumitat komitoloġiku; it-tip ta' azzjonijiet (proġetti mill-Kummissjoni, transnazzjonali u nazzjonali) u ta' interventi se jkunu allinjati, kif ukoll il-kriterji ta' eliġibilità.

Fil-waqt li ż-żewġ programmi speċifiċi se jkunu amministrati b'mod ċentralizzat, l-użu ta' ġestjoni ċentrali indiretta f'fażi aktar avvanzata mhux eskluż.[11] Mekkaniżmi ta' twassil alternattiv bħal amministrazzjoni maqsuma kienu eżaminati fid-dettall iżda ma kinux effettivi għall-ispejjeż meta jigu kkunsidrati l-ammonti żgħar involuti. L-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri miksuba bl-integrazzjoni ta' l-oqsma differenti fi struttura waħda se jippermettu wkoll ir-razzjonalizzazzjoni. Per eżempju, ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni se jippermettu l-ksib ta' riżultati aħjar u se jiffaċilitaw it-trasferiment ta' prattika tajba.

Sa fejn huwa xieraq, il-karatteristiċi komuni ġew ukoll żviluppati maż-żewġ programmi qafas l-oħra fejn jidħol il-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja (Drittijiet Fundamentali, u Solidarjetà u Amministrazzjoni tal-flussi tat-tluq minn post għall-ieħor). Flimkien, it-tliet programmi ta-qafas jiffurmaw "pakkett" konsistenti ta' miżuri.

B'mod ġenerali, imqabbel mas-sitwazzjoni attwali ppreżentata hawn fuq, il-programm qafas ġdid jirrappreżenta pass importanti f'termini ta' semplifikazzjoni, skop ta' azzjoni u flessibilità. Per eżempju, se joffri dawn il-vantaġġi:

– Il-programm qafas se jgħaqqad l-attivitajiet kollha relatati ma' l-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità f'sens iktar wiesa', inklużi s-sorveljanza, l-*intelligence*, il-*crime proofing*, it-tkabbir ta' l-għarfien, il-ħarsien tax-xhieda u tal-vittmi, il-preparazzjoni u l-ġesjtoni tal-konsegwenzi (għaldaqstant, l-attivitajiet ġudizzjarji relatati mal-kwistjonijiet ċivili u kriminali u drittijiet

[11] Jekk dan ikun il-każ għal diversi programmi marbuta mal-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, jekk possibbli, ix-xogħol ta' implimentazzjoni għandu jkun ikkonċentrat f'aġenzija eżekuttiva waħda.

fundamentali se jiġu miġbura fil-programm qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja);

– Dan jippermetti konċentrazzjoni ta' riżorsi u tnaqqis ta' l-entrati baġetarji, kif ukoll trasparenza miżjuda u l-possibbiltà ta' analiżi aħjar tal-valur miżjud ta' l-azzjonijiet meħuda;

– Il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta' finanzjament f'dan il-qasam se jkunu totalment allinjati, u dan se jżid l-effiċjenza ta' l-ispejjeż, iċ-ċarezza u l-faċilità ta' l-użu, u jiffaċilita l-għażla tal-prijoritajiet u l-evalwazzjoni;

– Se jkun hemm il-possibbiltà li jkunu appoġġjati proġetti innovattivi fi ħdan l-Istati Membri b'potenzjal li jkunu trasferiti fuq livell ta' l-UE, u b'hekk ikun ipprovdut effett li jwassal għal azzjonijiet ulterjuri; l-Istati Membri se jkollhom ukoll il-possibbiltà li jesprimu ċerti prijoritajiet għal proġetti nazzjonali;

– Il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta' finanzjament kemm ta' proġetti tal-Kummissjoni u għall-kofinanzjament se jkunu kkjarifikati u ssemplifikati (eż. dwar proġetti transnazzjonali, se jkun hemm bżonn ta' anqas imsieħba);

– Id-dispożizzjonijiet dwar il-komitoloġija se jkunu ssemplifikati u allinjati ma' programmi Komunitarji oħra;

– Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità se jkunu msaħħa u kkjarifikati;

– Partikolarment, il-qafas dwar l-ġestjoni tal-konsegwenzi u l-preparazzjoni għat-theddid terroristiku se jkun imsaħħaħ b'mod sinifikanti.

Finalment, fid-disinn tal-programm qafas tqies it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. Il-Kostituzzjoni se tneħħi l-kwistjonijiet legali li jirriżultaw mill-istruttura bil-"kolonni" tat-Trattati preżenti u tikkjarifika u ssaħħaħ il-pedamenti legali għall-azzjonijiet fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-kriminalità (Artikolu III-272), kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi (Artikoli III-275) u protezzjoni ċivili (Artikolu III-284), b'mod li jista' jkun possibbli li jinkisbu effetti ta' sinerġija oħra, inklużi ma' l-aġenziji rilevanti. Madankollu, wara d-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni, m'hu se jkun hemm bżonn ta' l-ebda bidliet sinifikanti fuq iż-żewġ strumenti legali tal-programm qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet.

## 4. Riżorsi Finanzjarji

L-ammont totali previst għall-programm ta' qafas Sigurtà u Protezzjoni tal-Libertajiet huwa ta' 745 miljun Ewro għall-perjodu 2007-2013 (fi prezzijiet attwali). F'dan il-limitu, 597.6 miljun Ewro huma previsti għall-programm Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità u 137.4 miljun Ewro għall-programm dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu. Fi ħdan l-ammont ta' riferenza, 10 miljun Ewro huma miżjuda għall-infiq ta' amministrazzjoni.

Barra minn hekk, huwa previst l-ammont ta' 554.4 miljun Euro għall-Europol għall-perjodu 2007-2013, filwaqt li l-ammont previst għac-CEPOL hu 64.4 miljun Ewro għall-istess perjodu.

Dawn l-ammonti ġew stmati fuq il-bażi tal-bżonnijiet identifikati kif deskritt hawn fuq. Fejn jistgħu jittieħdu lezzjonijiet mill-azzjonijiet u programmi eżistenti relatati ma' kwistjonijiet ta' sigurtà dan kien meqjus. Minħabba l-fatt li parti kbira mill-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati jirreferu għal oqsma relattivament ġodda fil-kuntest Ewropew, ittieħdet strateġija pjuttost kawta. Fejn jidħlu l-proġetti nazzjonali, b'mod partikolari, il-programmi jibdew b'finanzjament inizjali pjuttost żgħir. Sabiex jipprovdu biżżejjed ħin għall-organi nazzjonali kompetenti biex jippreparaw għall-preżentazzjoni ta' proġetti nazzjonali innovattivi, qed jiġi propost li parti konsiderevoli mir-riżorsi finanzjarji jiġu trasferiti lejn it-tieni parti tal-perjodu ta' żmien. Wara eżami ta' nofs it-terminu ta' żmien, li hu skedat għall-2010, is-sehem ta' proġetti innovattivi fi ħdan l-Istati Membri jista' jiżdied konsiderevolment. F'kull każ, meta mqabbla ma' miżuri relatati meħuda taħt il-fondi strutturali, l-ammonti stmati huma relattivament baxxi. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet se jkun, għaldaqstant, possibbli biss sa ċertu punt. Fejn jiġu identifikati bżonnijiet ta' bini ta' kapaċitajiet fuq skala kbira, l-użu ta' fondi "ġenerali" immirati għall-koeżjoni, żvilupp reġjonali, jew riċerka u żvilupp teknoloġiku, jista' jkollu jiġi kkunsidrat.

## 5. Konklużjonijiet

Il-perspettivi finanzjarji l-ġodda, il-Programm għat-tisħiħ tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-UE u r-ratifikazzjoni li ġejja tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa se jwassal għal ristrutturazzjoni tal-qafas legali u finanzjarju preżenti fil-qasam tas-sigurtà interna.

Il-programm qafas propost se jqiegħed f'linja waħda, jissemplifika u jirrazzjonalizza l-interventi finanzjarji fil-qasam tas-sigurtà. Dan jippermetti lill-Unjoni biex tieħu l-passi meħtieġa biex tħares b'mod effettiv id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tagħha kontra t-terroriżmu u metodi oħra ta' kriminalità. Il-programm qafas hu kompost minn żewġ strumenti legali allinjati u komplementari li jipprovdu qafas legali u finanzjarji solidu u l-flessibilità meħtieġa biex ikunu missielta l-isfidi li ġejjin. Flimkien mal-programm qafas tad-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja, is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tat-tluq minn post għall-ieħor, dan se jkun bażi xierqa biex l-Unjoni tinżamm u tkun żviluppata bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

## ANNESS

## li jistabbilixxi programm qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet għall-perjodu 2007-2013

## Komplementarjetà ma' aġenziji u strumenti oħra fil-qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Diversi strumenti komplementari huma previsti fil-Perspettivi Finanzjarji biex jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-għanijiet politiċi imfassla fil-qasam tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà:

– Il-programmi qafas li se jieħdu post d-diversi entrati baġitarji li l-Kummissjoni attwalment tamministra f'dan il-qasam;

– Il-finanzjament komunitarju ta' aġenziji u organi tal-Komunità jew l-Unjoni;

– L-iżvilupp u ġestjoni ta' sistemi relatati fuq skala kbira.

Dawn l-aġenziji jew organi relatati mal-qasam tal-programm qafas imsemmi hawn fuq għandhom jiġu koperti taħt il-perspettivi finanzjarji ġodda:

- Il-**Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL),** li huwa mistenni li jinbidel f'organu ta' l-Unjoni Ewropea skond il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill imressqa mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ottubru 2004 (COM(2004) 623 final). Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija huwa attwalment finanzjat b'mod intergovernattiv.

- Mad-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni tieħu passi biex tbiddel l-Uffiċju Ewropew tal-Pulizija **Europol**, attwalment intergovernattiv, f'organu ta' l-UE b'finanzjament Komunitarju.

Fuq il-bażi ta' l-elementi hawn fuq, ir-riżorsi baġitarji għall-aġenziji komunitarji msemmija hawn fuq mhumiex inklużi fil-programmi ta' qafas.

Dawn għandhom, madankollu, jiġu inklużi bħala parti mill-ispiża dedikata għall-politika JLS f'Titlu 3 tal-qafas finanzjarju Komunitarju futur.

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST

It-tħejjija tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 kienet immexxija mill-bidu nett minn strateġija primarjament politika, b'mod li tkun assigurata l-konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti allokati biex dawn ikunu milħuqa. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandha tkun meqjusa bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, li għandha tkun appoġġjata permezz ta' żieda sostanzjali fil-mezzi finanzjarji. Fil-Komunikati tagħha "Nibnu l-Futur Komuni tagħna – Sfidi Politiċi u Mezzi Baġitarji għall-Unjoni wara t-Tkabbir 2007-2013"[12] u "Perspettivi Finanzjarji 2007-2013"[13], il-Kummissjoni saħqet fuq l-importanza ta' l-użu tar-reviżjoni ta' l-istrumenti legali għall-perspettivi finanzjarji li jmiss biex jinħoloq moviment lejn aktar sempliċità. Permezz ta' strutturazzjoni tal-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali mmexxija mill-politika, ("Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tat-tluq minn post għall-ieħor", "d-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", "Sigurtà u Salvagwardja tal-libertajiet"), il-Kummissjoni ħejjiet qafas ċar għall-iżvilupp ta' l-interventi finanzjarji tal-Komunità b'appoġġ għat-tliet għanijiet tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà.

## 2. ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI

### 2.1. Analiżi tal-problema

Fi ħdan l-għan tagħha li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-Unjoni hi impenjata li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà billi tiżviluppa azzjonijiet biex tevita u tiġġieled it-terroriżmu. L-identifikazzjoni ta' bżonn kbir ta' numru ta' azzjonijiet f'dan il-qasam tal-politika wassal għall-proċess li taħtu r-rwol ta' l-Unjoni kiber b'mod kostanti. Barra mill-miżuri varji meħuda fil-qasam ta' l-infurzar tal-liġi, sforzi dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi jeħtieġu li jkunu msaħħa.

Fid-Dikjarazzjoni tiegħu ta' solidarjetà kontra t-terroriżmu tal-25 ta' Marzu 2004, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li kien hemm bżonn ta' azzjoni ulterjuri biex tkun imtejba l-ħila ta' l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jikkonfrontaw il-konsegwenzi ta' l-attakki terroristiċi u biex jitnaqqsu l-konsegwenzi ta' l-attakki fuq il-popolazzjoni ċivili. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu f'Ġunju 2004, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni "biex janalizzaw il-ħiliet ta' l-Istati Membri kemm biex jipprevjenu kif ukoll biex jifilħu l-konsegwenzi ta' kull tip ta' attakk terroristiku, biex jidentifikaw l-aqwa prattika u jipproponu l-miżuri meħtieġa. Għandha titjib il-kooperazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni ċivili li tirrifletti r-rieda ta' l-Istati Membri li jaġixxu f'solidarjetà f'każ ta' attakk terroristiku f'kull Stat Membru jew fil-każ ta' attakk kontra ċittadini ta' l-UE li jgħixu barra l-pajjiż". Progress dwar dan ix-xogħol bħalissa qiegħed isir fil-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili li jiffoka speċifikament fuq l-aspetti tal-protezzjoni u jindirizza l-konsegwenzi immedjati ta' emerġenzi maġġuri irrispettivament min-natura tagħhom.

---

12 COM(2004) 101, 10.2.2004.
13 COM(2004) 487, 14.7.2004.

Bi tweġiba, il-Kummissjoni fl-20 ta' Ottubru 2004 adottat tliet Komunikati dwar il-prevenzjoni, il-preparazzjoni u tweġiba għall-attakki terroristiċi u dwar il-preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika.

Il-Kunsill irrefera għal dawn il-Komunikati fil-Konklużjonijiet dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u t-Tweġiba għall-attakki terrorsitiċi li kienu adottati fit-2 ta' Diċembru 2004 inkluż il-Programm ta' Solidarjetà ta' l-UE dwar il-Konsegwenzi ta' theddid u attakki terrorsitiċi. Il-Programm ta' Solidarjetà ta' l-UE jieħu post programm preċedenti dwar is-CBRN (theddid terroristiku kimiku, bioloġiku, radjoloġiku u nukleari).

Il-Kunsill ikkonkluda li l-Kummissjoni se twaqqaf fi ħdan l-istrutturi eżistenti ftehim integrat ta' l-EU għall-immaniġġjar tal-kriżijiet b'effetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri fi ħdan l-UE. Is-sistema "ARGUS" se tkun l-*interface* loġistiku li se tippermetti tixrid rapidu ta' l-informazzjoni bejn is-sistemi ta' allerta rapida eżistenti bl-għan li tkun massimizzata is-sigurezza u s-sigurtà, inkluż netwerk ta' awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi. Se jkun imwaqqaf Ċentru ta' Kriżi fil-Kummissjoni, li għandu jikkoordina l-isforzi biex ikunu evalwati opzjonijiet prattiċi għal azzjoni u biex jiddeċiedi dwar il-miżuri ta' tweġiba xierqa matul kriżi. Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar Infrastruttura Kritika (CIWIN) se jkun imwaqqaf bħala parti mill-ħolqien ta' Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' Infrastruttura Kritika (EPCIP) u se jkun marbut ma' ARGUS. Il-Kunsill irrimarka l-bżonn ta' strateġija integrata u orjentata lejn is-sigurtà. Rigward l-infrastruttura kritika, il-Kunsill jirreferi b'mod partikolari għal analiżi ta' riskji u theddid, detezzjoni u identifikazzjoni ta' theddid terroristiku. B'mod ġenerali, hemm bżonn ta' strateġija aktar komprensiva, integrata u operattiva dwar temi ta' sigurtà, li timxi id f'id ma' l-allokazzjoni mill-ġdid ta' prijoritajiet għall-intervent finanzjarju.

Aktar minn hekk, il-Programm *The Hague*, f'§2.4 jistipula biċ-ċar li "l-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex iwaqqfu fi ħdan l-istrutturi eżistenti tagħhom, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, arranġamenti integrati u koordinati għall-ġestjoni tal-kriżijiet fi ħdan l-UE, li għandhom ikunu mwaqqfa sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2006".

## 2.2. It-triq 'il quddiem

Mill-aspett finanzjarju, it-tweġiba proposta għal dawn l-isfidi huwa programm komprensiv ġenerali dwar is-*Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet*, inkluż strument dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu, li jkollu l-għan li jassigura implimentazzjoni xierqa ta' mekkaniżmi speċifiċi kif imsemmija hawn fuq u l-ħarsien effettiv ta' infrastruttura vulnerabbli kontra theddid terroristiku. Flimkien ma' dan l-aħħar strument, il-programm ġenerali jinkludi strument dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità. L-istruttura taż-żewġ programmi speċifiċi se tkun allinjata kemm jista' jkun.

Il-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu se jikkonċentra fuq il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' riskju ta' attakk terroristiku u fuq il-ħarsien ta' infrastruttura kritika. Se jinkludi wkoll miżuri ta' ġestjoni tal-konsegwenzi sal-punt fejn dawn mhumiex kopruti mill-Istrument ta' Tweġiba Rapida fil-każ ta' emerġenzi maġġuri u li jappoġġjaw lill-UE bħala żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Se jipprovdi għal proġetti madwar l-UE kollha mibdija u amministrati mill-Kummissjoni, jippermetti l-kofinanzjament ta' proġett transnazzjonali u anke għal proġetti fi ħdan l-Istati Membri (proġetti nazzjonali), biex jistimula b'mod ulterjuri l-innovazzjonijiet bl-għan li l-esperjenza miksuba tkun trasferita fuq livell transnazzjonali u/jew ta' l-UE. B'mod partikolari, it-tip ta'

proġetti meqjusa li se jagħtu spinta lit-teknoloġija moderna u l-metodoloġija dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi fir-rigward tat-terroriżmu. Peress li s-soċjetà ċivili trid tlaħħaq ma' metodi dejjem aktar sofistikati, dan il-pass addizzjonali hu essenzjali.

## 2.3. Għanijiet tal-programm

*a) Definizzjoni ta' għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi*

L-għan primarju tal-programm ġenerali dwar *is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet* hu li jiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini fi ħdan żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u li jħarishom mill-atti kriminali, li jistgħu jheddu l-libertajiet individwali, is-soċjetà demokratika u s-supremazija tad-dritt. Il-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu għandu jagħti kontribut għall-ħarsien taċ-ċittadini, il-libertajiet tagħhom u s-soċjetà kontra attakki terroristiċi u inċidenti relatati, u li jħares lill-UE bħala żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja billi jħeġġeġ, jippromwovi u jiżviluppa miżuri marbuta mal-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi.

Dwar il-prevenzjoni u l-preparazzjoni għall-attakki terrroristiċi, il-programm speċifiku se jkollu l-għan:

- li jħeġġeġ, jippromwovi u jappoġġja l-analiżi tar-riskji u t-theddid fuq infrastruttura kritika, inklużi evalwazzjoni fuq is-sit, biex ikunu identifikati miri possibbli ta' attakki terroristiċi u l-bżonnijiet possibbli għall-aġġornament tas-sigurtà tagħhom,
- li jippromwovi u jappoġġja l-iżvilupp ta' standards komuni tas-sigurtà u skambju ta' għarfien u esperjenza dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika, u
- li jippromwovi u jappoġġja koordinazzjoni u kooperazzjoni madwar l-UE kollha dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika.

Dwar il-ġestjoni tal-konsegwenzi marbuta ma' attakki terroristiċi, il-programm speċifiku se jkollu l-għan:

- li jħeġġeġ, jippromwovi u jappoġġja skambju ta' għarfien, esperjenza u teknoloġija dwar il-konsegwenzi potenzjali ta' attakki terroristiċi,
- li jħeġġeġ, jippromwovi u jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġija rilevanti u pjanijiet ta' kontinġenza, u
- jassigura kontribuzzjoni immedjata ta' għarfien speċifiku dwar kwistjonijiet ta' terroriżmu fi ħdan l-amministrazzjoni ġenerali tal-kriżijiet, allerta rapida u mekkaniżmi tal-protezzjoni ċivili.

*b) Komplementarjetà/koerenza ma' strumenti oħra*

Fit-tħejjija tal-programm, ingħatat attenzjoni partikolari biex ikunu assigurati l-koerenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija ma' programmi oħra li jiffinanzjaw azzjonijiet f'oqsma politiċi relatati, li għalihom appoġġ għandu jingħata skond bażi differenti fit-Trattat.

L-ewwelnett, il-programm speċifiku hu kkomplementat minn strument ieħor taħt il-programm ġenerali Sigurtà u Ħarsien tal-Libertaijiet, il-programm speċifiku *l-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità*, li jiffoka fuq l-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità fis-sens ta' Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-tieni, il-komplementarjetà hi assigurata mal-programmi ġenerali korrispondenti dwar id-*Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja*, u s-*Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-migrazzjoni*, dwar ċerti temi bħall-għajnuna lill-vittmi, kooperazzjoni ġuridika f'materji kriminali u l-immigrazzjoni illegali.

It-tielet, il-programm hu komplementari wkoll għall-programmi Komunitarji bħall-Istrument għat-Tweġiba u l-Preparazzjoni għall-emerġenzi maġġuri, il-Programm qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE[14] jew l-Fondi Strutturali.[15] Dawn l-Istrumenti l-ġodda se jipprovdu finanzjament Komunitarju biex jilqgħu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza kbira b'mod ġenerali, inkluż it-tweġiba immedjata (eż. l-użu ta' riżorsi f'każ ta' diżastru), assistenza finanzjarja għall-emerġenzi fil-perjodu ta' wara kriżi, u sa ċertu punt għat-tħejjija ta' Tweġiba Rapida. Ma' dan il-mekkaniżmu ġenerali, dik il-parti dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi fil-programm ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet se żżid miżuri speċifiċi dwar it-theddid terroristiku.

Fil-qasam tat-terroriżmu, hemm bżonn ta' sitwazzjoni u għarfien speċifiku tas-sigurtà li jmur oltre mill-kunċetti ġenerali ta' sigurtà u protezzjoni ċivili. Per eżempju, il-vulnerabilità ta' l-infrastruttura għal attakki terroristiċi teħtieġ tiġi analizzata taħt termini u standards speċifiċi tas-sigurtà, li jeħtieġu jkunu żviluppati barra mill-istandards ġenerali ta' sigurtà. F'dan is-sens, il-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu jiffoka fuq l-analiżi tat-theddid u r-riskji, janalizza x'jeħtieġ jiżdied fuq il-mekkaniżmi ġenerali ta' sigurtà biex iħares l-infrastruttura kritika b'mod effettiv kontra attakki terroristiċi, jew jiżviluppa pjanijiet speċifiċi ta' kontinġenza[16]. Imbagħad, issir prinċipalment ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jaġġornaw is-sigurtà ta' l-infrastruttura tagħhom skond il-ħtiġijiet identifikati, appoġġjati jekk hemm bżonn mill-fondi strutturali jew ċertu programmi settorjali (eż. fil-qasam tat-trasport, enerġija, saħħa pubblika jew ambjent). F'kull każ, l-għanijiet speċifiċi ta' l-istrument dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu jevitaw l-irduppjar ma' mekkaniżmi ta' finanzjament tal-Komunità bħal dawn.

## 3. EVALWAZZJONI

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni li tippreżenta l-evalwazzjoni *ex ante* u analiżi preliminari ta' l-impatt tal-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu turi kemm hi xierqa l-opzjoni politika magħżula biex jinkisbu l-għanijiet mistennija.

---

[14] Proposti tal-Kummissjoni għal Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE, COM(2005) 108, u għal Strument ta' Tweġiba Rapida u Preparazzjoni għal emerġenzi maġġuri, COM(2005) 113.

[15] Ara wkoll il-mekkaniżmu Komunitarju biex jiffaċilita t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili li jiffoka fuq l-għoti ta' għajnuna fil-każ ta' emerġenzi maġġura, speċjalment inċidenti, Deċiżjoni tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2001, ĠU L 297, 15 .11.2001, pġ. 7.

[16] Ara l-Komunikat COM(2004) 702 dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika.

## 4. IL-BAŻI LEGALI U L-ISKOP TAL-ISTRUMENT POLITIKU

### 4.1. Il-Bażi legali

Fl-assenza ta' dispożizzjoni speċifika, Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea hu l-bażi legali xierqa mhux biss għall-protezzjoni ċivili, iżda anke għal miżuri relatati dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi.

Taħt it-Trattati preżenti, il-proċedura għall-adozzjoni ta' strumenti legali f'dan il-qasam hi konsiderevolment differenti minn dik dwar il-pulizija u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi (din ta' l-aħħar hi suġġett għal Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea). Għalhekk, mhux possibbli li jkunu magħquda l-għanijiet rilevanti kollha tal-programm ġenerali fi strument legali wieħed. Għaldaqstant, qed jiġu proposti żewġ strumenti: wieħed, programm speċifiku dwar il-"Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" bbażat fuq it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea[17] u t-tieni, programm dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu", ibbażat fuq it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea".

### 4.2. L-Azzjonijiet definiti fi ħdan il-programm

Dawn it-tipi differenti ta' azzjonijiet huma mistennija:

- Proġetti b'dimensjoni Ewropea mibdija u mmexxija mill-Kummissjoni, *inter alia* mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u netwerks, attivitajiet analitiċi inklużi studji u attivitajiet bl-għan li jkunu żviluppati soluzzjonijiet li huma speċifikament marbuta ma' proġetti politiċi konkreti;

- Proġetti transnazzjonali mibdija u mmexxija minn ta' l-anqas żewġ Stati Membri (jew Stat Membru u pajjiż applikant) taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-programmi annwali tax-xogħol;

- Proġetti nazzjonali fi ħdan l-Istati Membri skond il-kundizzjonijiet stipulati hawn taħt u kundizzjonijiet oħra stipulati fil-programmi annwali tax-xogħol;

Hu previst li l-proġetti nazzjonali jkunu eliġibbli biss bħala miżuri tal-bidu jew miżuri komplementari (bi tħejjija għal jew b'komplementarjetà ma' proġetti transnazzjonali jew Ewropej), jekk għandhom il-potenzjal li jittrasferixxu r-riżultati fuq livell ta' l-UE jew inkella jekk jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp tal-politika ta' l-Unjoni dwar il-prevenzjoni u/jew il-ġlieda kontra l-kriminalità.

### 4.3. Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Il-proposta tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità kif stipulati fl-Artikolu 5 li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-protokoll li jakkumpanjah. Fir-rigward tas-sussidjarjetà, il-programm propost ma jippruvax jintervjeni f'oqsma li huma koperti minn programmi nazzjonali żviluppati mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru iżda li jiffoka fuq oqsma fejn għandu jkun mistenni valur miżjud fuq livell Ewropew. Għal dan l-għan, il-maġġoranza ta' l-attivitajiet appoġġjati mill-programm jistgħu jitqiesu bħala komplementari għall-programmi nazzjonali u li jfittxu li jiksbu l-aktar possibbli mis-sinerġiji li joħorġu mill-

[17] COM(2005)…..

azzjonijiet implimentati minn żewġ Stati Membri jew aktar (li jistgħu jinkludu anke l-pajjiżi kandidati).

Fir-rigward tal-proporzjonalità, il-proposta kienet iddisinjata biex tikseb l-akbar semplifikazzjoni possibbli fit-termini mhux biss tal-forma ta' l-azzjoni – id-definizzjonijiet ta' l-azzjonijiet fit-test leġislattiv inżammu kemm jista' jkun ġeneriċi – iżda anke f'termini ta' ħtiġijiet amministrattivi u finanzjarji li se japplikaw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni fittxet bilanċ xieraq bejn il-flessibilità u l-faċilità ta' l-użu fuq naħa, u ċ-ċarezza fl-iskop u garanziji finanzjarji u proċedurali xierqa fuq l-oħra.

Wara l-linji ta' gwida indikati fil-protokoll dwar l-applikazzjoni taż-żewġ prinċipji, hu ċar li t-temi li dan il-programm fi ħsiebu jindirizza għandhom aspetti transnazzjonali u għalhekk kull azzjoni fuq livell ta' l-Unjoni se tkun ta' benefiċċju meta mqabbla ma' azzjonijiet fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

### 4.4. Strument tal-politika

Din il-parti tal-programm ġenerali dwar *is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet* se tkun amministrata direttament mill-Kummissjoni u se tkun implimentata b'żewġ tipi ewlenin ta' azzjoni: sejħiet għall-proposti biex ikunu finanzjati proġetti ppreżentati fil-qafas ta' l-għanijiet previsti u azzjonijiet direttament żviluppati mill-Kummissjoni b'mod li jinkisbu l-għanijiet imsemmija iżda anke biex ikunu osservati u analizzati r-riżultati u jkunu ssuġġeriti adattamenti u modifiki jekk meħtieġ.

### 4.5. Semplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni

L-istrateġija proposta se tagħti kontribut għall-għan ewlieni ta' semplifikazzjoni ta' l-istrumenti, kemm f'termini legali kif ukoll amministrattivi, kif ukoll għal semplifikazzjoni ta' l-istruttura tal-*budget*. Din se twassal ukoll għall-żieda fil-koerenza u l-konsistenza bejn, u tevita d-duplikazzjoni ta', l-istrumenti. Filwaqt li se jkun hemm bżonn ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali biex tlaħħaq ma' tkabbir futur, titjib fl-allokazzjoni tar-riżorsi umani se tinkiseb billi entrati baġitarji iżgħar jkunu mwaqqfa (li jagħmlu użu kbir mir-riżorsi) u billi jinġabru flimkien programmi eżistenti fi programm uniku, koerenti u semplifikat. Dan se jirriżulta f'aktar proporzjonalità bejn in-nefqa u l-ispejjeż amministrattivi marbuta.

Ir-razzjonalizzazzjoni proposta se tibbenefika anke lill-utent peress li żżid l-viżibilità, iċ-ċarezza u koerenza ta' dawn l-istrumenti. Benefiċjarji potenzjali se jsibuha aktar faċli biex japplikaw għall-finanzjament permezz ta' l-istrateġija standardizzata u d-dispożizzjonijiet implimentattivi armonizzati.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-*budget* għall-programm lil aġenzija eżekuttiva, kif riferut f'Artikolu 54(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju. Din it-tip ta' aġenzija tista' titwaqqaf mill-Kummissjoni b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill nru. 58/2003 li jindika l-istatut għall-aġenziji edukattivi li jistgħu jkunu fdati b'ċertu dmirijiet fit-tmexxija tal-programmi Komunitarji. Qabel id-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni tħejji analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji li jiġġustifikaw din id-delegazzjoni lil terzi (*outsourcing*), l-impatt fuq ir-riżorsi umani, tifdil possibbli, effiċjenza u flessibilità fl-implimentazzjoni ta' xogħlijiet delegati lil terzi, semplifikazzjoni tal-proċeduri użati, prossimità ta' l-attivitajiet delegati lil terzi għall-benefiċjarji finali, viżibilità tal-Komunità u l-bżonn li jinżamm livell adegwat ta' għarfien fi ħdan il-Kummissjoni.

## 5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ammont totali indikat għall-programm ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet hu ta' EUR 745 miljun għall-perjodu 2007-2013 (fil-prezzijiet preżenti). F'din l-allokazzjoni, EUR 142.4 miljun huma indikati għall-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu.

## 6. KONKLUŻJONI

L-istrument ġdid propost isegwi r-rotta li ġiet determinata mill-Kummissjoni fejn jidħlu l-isfidi politiċi u finanzjarji mill-2007 'l quddiem. L-intenzjoni hi li jikkomplementa, jissemplifika u jirrazzjonalizza l-istrumenti eżistenti u biex jassigura l-flessibilità neċessarja biex jiffaċja l-objettivi l-ġodda u biex jirrispondi b'mod effiċjenti għall-qafas legali ġdid li se jiġi stabbilit ladarba t-Trattat Kostituzzjonali jidħol fis-seħħ.

2005/0034 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-Programm speċifiku "Prevenzjoni, Prevenzjoni u Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu" għall-Perjodu 2007-2013**

**Programm Ġenerali dwar "is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet"**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li ra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu (308) tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu (203) tiegħu,

Wara li ra l-proposta mill-Kummissjoni[18],

Wara li ra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew[19],

Wara li ra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[20],

Wara li ra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[21],

Wara li kkunsidra li:

(1) Il-prevenzjoni, il-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu huma aspetti essenzjali ta' l-għan taż-żamma u l-iżvilupp ta' l-Unjoni bħala zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hekk kif stipulat fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-Komunità għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex twaqqaf it-terroristi milli jattakkaw il-valuri tad-demokrazija, is-supremazija tad-dritt, is-soċjetà miftuħa u l-libertà taċ-ċittadini u s-soċjetajiet tagħna, u biex tillimita l-konsegwenzi ta' xi attakk li jista' jseħħ.

(3) Il-Programm ta' The Hague, imħejji mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004,[22] sejjaħ għal arranġamenti integrati u koordinati ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet għal kriżijiet li jkollhom effetti li jaqsmu l-fruntieri fl-UE.

---

18 ĠU C …
19 ĠU C …
20 ĠU C …
21 ĠU C …

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni rivedut dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu ta' l-Unjoni Ewropea li kien adottat mill-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004,[23] jidentifika fost l-argumenti prijoritarji, il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-konsegwenzi ta' l-attakki terroristiċi, u l-ħarsien ta' infrastrutturi kritiċi.

(5) Fit-2 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Programm ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-Solidarjetà fil-qasam tal-Konsegwenzi ta' Theddid u Attakki Terroristiċi,[24] li jisħaq dwar l-importanza ta' l-istimi tar-riskju u tat-theddid, il-ħarsien ta' infrastrutturi kritiċi, mekkaniżmi għas-sejbien u l-identifikazzjoni tat-theddid terroristiku, u t-tħejjija politika u operattiva u l-kapaċità fil-ġestjoni tal-konsegwenzi.

(6) Il-mekkaniżmu tal-Komunità biex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili[25], stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2001/792 tat-23 ta' Ottubru 2001, jindirizza azzjonijiet immedjati biex jirrispondu għall-emerġenzi kbar, iżda ma kienx maħluq speċifikament għall-prevenzjoni, preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi ta' l-attakki terroristiċi.

(7) Fl-interess ta' effikaċja, ta' l-effiċjenza għall-ispejjeż u t-trasparenza, l-isforzi speċifiċi dwar il-prevenzjoni, il-preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu għandhom ikunu mmexxija u ffinanzjati minn programm uniku.

(8) Għall-finijiet taċ-ċertezza tal-liġi u tal-koerenza, u tal-qbil ma' programmi finanzjarji oħra, it-termini "prevenzjoni u miżuri ta' preparazzjoni", "ġestjoni ta' kriżijiet u konsegwenzi" u "infrastruttura kritika" għandhom ikunu ddefiniti.

(9) Azzjonijiet tal-Kummissjoni, flimkien ma' proġetti, fejn meħtieġa, li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, huma essenzjali biex jinkiseb metodu ta' l-UE integrat u koordinat. Barra minn hekk, hu bżonnjuż u xieraq li jiġu appoġġjati proġetti fi ħdan l-Istati Membri, peress li dawn jistgħu joffru esperjenza u tagħrif meħtieġ għal azzjonijiet futuri fuq livell Komunitarju, b'mod partikolari spezzjonijiet u stimi ta' riskji u theddid.

(10) Hu xieraq ukoll li pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu jistgħu jieħdu sehem fi proġetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali.

(11) Għal emerġenzi fuq skala kbira għandhom jiġu rrispettati programmi tal-Komunità u ta' l-Unjoni bħall-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE u l-Istrument għat-Tweġiba u l-Preparazzjoni; il-mekkaniżmu tal-Komunità għandu jitħares biex jiffaċilita kooperazzjoni msaħħa f'każi ta' għajnuna min-naħa tal-protezzjoni ċivili, il-programm qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-fondi strutturali.

(12) Peress li l-għanijiet ta' dan il-programm ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala jew l-impatt ta' l-inizjattiva, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulati fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-

[22] ĠU C… (ara dok. 14292/04 tal-Kunsill).
[23] ĠU C…. (ara dok. 10679/2/04 REV 2 + ADD 1 tal-Kunsill).
[24] ĠU C… (ara dok. 15480/04, 15232/04 REV 2 tal-Kunsill).
[25] ĠU L 297, 15 .11.2001, pġ. 7.

Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn dak meħtieġ biex jinkisbu dawn l-għanijiet.

(13) In-nefqa tal-programm għandha tkun kompatibbli mal-limiti tat-Titlu 3 tal-perspettiva finanzjarja. Jeħtieġ li d-definizzjoni tal-programm tkun aktar flessibbli biex ikunu jistgħu jsiru xi tibdiliet eventwali fl-azzjonijiet maħsuba, sabiex tiġi sodisfatta l-evoluzzjoni tal-bżonnijiet matul il-perjodu 2007-2013. Għalhekk id-deċiżjoni għandha tkun illimitata għal definizzjoni ġenerali ta' l-azzjonijiet maħsuba u l-arranġament amministrattivi u finanzjarji rispettivi tagħhom.

(14) Għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa biex jiġu evitati irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi neċessarji biex jinġabru fondi mitlufa, imħallsa mhux kif suppost jew użati ħażin skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità,[26] u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki fuq il-post u l-ispezzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni[27].

(15) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[28] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament 1605/2002[29], li jħares l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom ikunu applikati bil-konsiderazzjoni tal-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti baġitarji, limitazzjoni fuq in-numru ta' każi fejn il-Kummissjoni għandha responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv marbut ma' l-użu tagħhom.

(16) B'konformità ma' l-Artikolu (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistipula l-proċeduri għall-użu tas-saħħa ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni,[30] għandhom jiġu adottati xi miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni permezz ta' proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu (3) ta' dik id-Deċiżjoni. Dan hu xieraq peress li l-programm m'għandux impatt konsiderevoli fuq il-baġit tal-Komunità.

(17) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika ma jistipulawx setgħa speċifika għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni minbarra dawk ta' l-Artikoli 308 u 203, rispettivament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Is-Suġġett**

26 ĠU L 312, 23.12.1995, pġ.1.
27 ĠU L 292, 15.11.1996, pġ. 2.
28 ĠU L 248, 16.9.2002, pġ.1
29 ĠU L 357, 31.12.2002, pġ.1
30 ĠU L 184, 17.7.1999, pġ.23

Din id-Deċiżjoni tistipula, għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2013, programm speċifiku dwar "il-Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm", bħala parti minn programm ġenerali dwar "is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" bil-għan li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-qasam ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

Din id-Deċiżjoni m'għandiex tapplika għal sitwazzjonijiet li huma diġà koperti mill-Istrument ta' Tweġiba Rapida f'każ ta' emerġenzi kbar.

*Artikolu 2*

**Id-Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "prevenzjoni u preparazzjoni" tirreferi għal miżuri maħsuba biex jevitaw u/jew inaqqsu r-riskju ta' attakk terroristiku u/jew il-konsegwenzi tiegħu, b'mod partikolari permezz ta' stimi tar-riskji u tat-theddid, ispezzjonijiet u ta' standards komuni dwar it-teknoloġija u l-metodoloġija;

(b) "ġestjoni tal-konsegwenzi" tirreferi għall-miżuri li huma meħtieġa biex l-Unjoni Ewropea titħares bħala zona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;

(c) "infrastruttura kritika" tirreferi għal riżorsi fiżiċi, servizzi, mezzi ta' komunikazzjoni, netwerks u/jew strutturi li jekk jintlaqtu jew jiġu meqruda jkollhom effett negattiv fuq is-saħħa, is-sigurtà, il-ġid ekonomiku taċ-ċittadini jew it-tħaddim effettiv ta' l-Unjoni Ewropea jew tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 3*

**L-għanijiet ġenerali tal-programm**

1. Dan il-programm għandu jgħin fil-ħarsien taċ-ċittadini, il-libertà tagħhom u s-soċjetà kontra attakki terroristiċi u inċidenti relatati, u biex iħares lill-Unjoni Ewropea bħala zona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

2. L-għanijiet ġenerali tal-programm jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' *policies* oħra ta' l-Unjoni u tal-Komunità, bħall-kooperazzjoni bejn il-pulizija u ġuridika f'osqma kriminali, ħarsien ta' l-ambjent, saħħa pubblika, trasport, riċerka u żvilupp teknoloġiku u koeżjoni ekonomika u soċjali.

*Artikolu 4*

**L-għanijiet speċifiċi**

1. Fil-qafas ta' l-għanijiet ġenerali, u sakemm dawn ikunu koperti minn strumenti legali speċifiċi, il-programm għandu jħajjar, jippromwovi u jiżviluppa miżuri dwar il-prevenzjoni, preparazzjoni u ġestjoni tal-konsegwenzi.

2. Fir-rigward ta' prevenzjoni u tħejjija għal attakki terroristiċi, il-programm hu maħsub biex

(a) iħajjar, jippromwovi u jappoġġja stimi ta' riskju u theddid fuq infrastruttura kritika, inkluż evalwazzjonijiet fuq il-post, biex jiġu identifikati miri possibbli ta' attakki terroristiċi, u xi bżonnijiet eventwali ta' titjib tas-sigurtà tagħhom,

(b) jippromwovi u jappoġġja l-iżvilupp tal-livelli ta' sigurtà komuni, u l-iskambju ta' għarfien u esperjenza dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika,

(c) jippromwovi u jappoġġja koordinazzjoni u kooperazzjoni mifruxa ma' l-Unjoni dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika.

3. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-konsegwenzi f'każ ta' attakki terroristiċi, il-programm hu maħsub biex

(a) iħajjar, jippromwovi u jappoġġja l-iskambju ta' l-għarfien, l-esperjenza u t-teknoloġija dwar konsegwenzi potenzjali ta' attakki terroristiċi,

(b) iħajjar, jippromwovi u jappoġġja l-iżvilupp tal-metodoloġija rilevanti u l-pjanijiet kontinġenti,

(c) jiżgura reġistrazzjoni fil-ħin ta' għarfien speċifiku dwar suġġetti relatati mat-terroriżmu fi ħdan l-ġestjoni ġenerali tal-kriżi, allerta rapida u mekkaniżmi ta' protezzjoni ċivili.

*Artikolu 5*

**L-Azzjonijiet Eliġibbli**

1. Sabiex jiġu segwiti l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikoli (3) u (4), il-programm għandu joffri għajnuna finanzjarja għal dawn it-tipi ta' azzjonijiet:

(a) Proġetti mnedija u mmexxija mill-Kummissjoni fuq skala Ewropea;

(b) Proġetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, li għandhom jinvolvu sħab f'mill-anqas żewġ Stati Membri, jew mill-anqas Stat Membru wieħed u pajjiż kandidat;

(c) Proġetti nazzjonali fi ħdan l-Istati Membri, li

– jħejju proġetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u/jew azzjonijiet Komunitarji ("miżuri tal-bidu"),

– jikkomplimentaw proġetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u/jew azzjonijiet Komunitarji ("miżuri komplementari")

– jgħinu fl-iżvilupp ta' metodi innovattivi u/jew teknoloġiji b'potenzjal għat-trasferibilità ta' azzjonijiet fuq livell Komunitarji, jew jiżviluppaw tali metodi jew teknoloġiji bil-għan li dawn jiġu trasferiti lejn Stati Membri oħra u/jew pajjiżi kandidati, jew

– b’xi mod jikkontribwixxu b’mod konsiderevoli għall-ħarsien ta’ l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha minn attakki terroristiċi.

2. B’mod partikolari, l-għajnuna finanzjarja tista’ tingħata għal:

(a) l-azzjonijiet li jikkonċernaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni operattiva (tisħiħ ta’ *networking*, kunfidenza u ftehim reċiproku, żvilupp ta’ pjanijiet kontinġenti, skambju u tifrix ta’ tagħrif, esperjenza u l-aqwa prattika)

(b) l-attivitajiet analitiċi, ta’ monitoraġġ, ta’ evalwazzjoni, ta’ verifiki tal-kontijiet u ta’ spezzjoni,

(c) l-iżvilupp u t-trasferiment ta’ teknoloġija u metodoloġija, b’mod partikolari fir-rigward ta’ skambju ta’ tagħrif u ħidma flimkien,

(d) it-taħriġ, skambju ta’ personell u esperti, u

(e) il-kampanji ta’ għarfien u t-tagħlim.

*Artikolu 6*

**L-Aċċess għall-Programm**

1. L-applikazzjonijiet għall-proġetti jistgħu jitressqu minn entitajiet u organizzazzjonijiet ta’ natura legali stabbiliti fl-Istati Membri.

2. Proposti għal proġetti nazzjonali kif stipulati fl-Artikolu 5(1)c għandhom jitressqu lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Kull sena l-Kummissjoni għandha tistipula data li fiha jitressqu l-proposti u għandha tiddeċiedi dwar dawn il-proposti skond l-Artikolu 8(4).

3. Rigward il-proġetti li jmorru lilhinn mill-fruntieri nazzjonali, terzi pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jieħdu sehem bħala sħab iżda ma jistgħux iressqu proġetti.

*Artikolu 7*

**It-tipi ta’ interventi**

1. Appoġġ finanzjarju tal-Komunità jista’ jkollu dawn il-forom legali:

(a) Għotjiet

(b) Kuntratti ta’ akkwisti pubbliċi.

2. L-għotjiet tal-Komunità għandhom jingħataw wara sejħa għall-offerti, u għandhom jingħataw permezz ta’ għotjiet operattivi u għotjiet għal azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament se tkun speċifikata fil-programmi tax-xogħol annwali.

3. In-nefqa hi maħsuba għall-miżuri msieħba, permezz ta’ akkwisti pubbliċi, u f’dan il-każ il-fondi tal-Komunità se jkopru x-xiri ta’ servizzi u prodotti. Din se tkopri, *inter*

*alia*, in-nefqa għall-informatika u l-komunikazzjoni, it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni tal-proġetti, politika, programmi u leġislazzjoni.

*Artikolu 8*

**Il-Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju".

2. Biex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 3, tadotta programm ta' xogħol annwali li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi tiegħu, il-prijoritajiet tematiċi, deskrizzjoni ta' miżuri msieħba msemmija fl-Artikolu 7(3) u jekk hemm bżonn, lista ta' azzjonijiet oħra.

3. Il-programm tax-xogħol annwali għandu jkun adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 9(2).

4. L-evalwazzjoni u l-proċeduri ta' l-għoti relatati ma' l-għotjiet għal azzjonijiet għandhom jinkludu, *inter alia*, il-kriterji li ġejjin:

   (a) il-konformità mal-programm annwali tax-xogħol, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-Artikolu 3 u l-miżuri meħuda f'oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 4 u 5;

   (b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta rigward l-idea tagħha, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati mistennija;

   (c) l-ammont mitlub għall-finanzjament tal-Komunità u kemm ikun jaqbel mar-riżultati mistennija;

   (d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 3 u l-miżuri meħuda f'oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 4 u 5.

*Artikolu 9*

**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi minn rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat".

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli (3) u (7) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 10*

**Il-Komplementarjetà**

1. Sinerġija, konsistenza u komplementarjetà għandhom jiġu mfittxija ma' strumenti oħra ta' l-Unjoni u tal-Komunità, *inter alia* mal-programmi dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità[31] u l-Ġustizzja Kriminali,[32] kif ukoll flimkien mal-Programmi qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istrument ta' Tweġiba u Preparazzjoni għal emerġenzi maġġuri.

2. Il-programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti oħra tal-Komunità u ta' l-Unjoni, b'mod partikolari l-programm dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità, sabiex jiġu implimentati azzjonijiet li jaqblu ma' l-għanijiet kemm tal-programm kif ukoll ta' l-istrumenti tal-Komunità/l-Unjoni.

3. Operazzjonijiet finanzjati skond din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu appoġġ finanzjarju għall-istess għan minn strumenti finanzjarji oħra ta' l-Unjoni/tal-Komunità. Il-benefiċjarji tal-programm għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni t-tagħrif kollu dwar il-fondi li jkunu rċevew mill-baġit tal-Komunità u minn sorsi oħra, kif ukoll tagħrif dwar l-applikazzjonijiet kurrenti għall-fondi.

*Artikolu 11*

**Ir-Riżorsi baġitarji**

Ir-riżorsi baġitarji allokati għall-azzjonijiet stipulati f'dan il-programm għandhom jidħlu fl-allokazzjoni annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-allokazzjonijiet annwali disponibbli għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

*Artikolu 12*

**Il-Monitoraġġ**

1. Għal kull azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jibgħat rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Rapport finali għandu jintbagħat ukoll fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tistipula l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Mingħajr effett fuq il-verifiki tal-kontijiet magħmula mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien ma' l-entitajiet jew dipartimenti ta' awdituri kompetenti nazzjonali skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew kull ispezzjoni oħra magħmula skond l-Artikolu 279(a) ta' dak it-Trattat, l-uffiċjali u personell ieħor tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post, inkluż verifiki ta' kampjuni, fuq azzjonijiet finanzjati minn dan il-programm.

---

[31] ĠU

[32] ĠU

3. Kuntratti u ftehim li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-programm għandhom jipprevedu b'mod partikolari superviżjoni u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew xi rappreżentant awtorizzat minnha), jekk hemm bżonn fuq il-post, u verifiki finanzjarji mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar ħlas fir-rigward ta' xi azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ċ-ċertifikati kollha rigward in-nefqa fuq l-azzjoni.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki ta' kampjuni msemmija fil-paragrafi (1) u (2), il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tirranġa l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja li jkunu ġew approvati oriġinarjament, u anke t-tabella ta' żmien għall-ħlas.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet ffinanzjati jsiru kif suppost u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 13*

**Il-Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta l-azzjonijiet finanzjati skond din id-Deċiżjoni jkunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jitħarsu mill-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra frodi, korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u l-ġbir lura ta' flus li jkunu tħallsu mhux kif suppost, u jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz ta' kastigi effettivi, proporzjonali skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 .

2. Għal azzjonijiet tal-Komunità finanzjati taħt dan il-programm, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kull ksur ta' dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Komunità, inkluż ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali stipulati fuq il-bażi ta' programm, li jirriżultaw minn att jew omissjoni minn kumpannija li jkollhom, jew jista' jkollhom, effett negattivi fuq il-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew fuq baġits immexxija minnhom, permezz ta' element ta' nfieq mhux ġustifikat.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, twaqqaf jew tiġbor lura għajnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni, f'każ li ssib xi irregolarità, inkluż nuqqas ta' rispett tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali, kuntratt jew ftehim li jagħti l-għajnuna finanzjarja rilevanti, jew jekk jidher li, mingħajr ma tkun ġiet imfittxija l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun ġiet suġġetta għal bidla li ma tkunx taqbel man-natura jew il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk il-limiti taż-żmien ma jkunux ġew rispettati jew jekk parti ta' l-għajnuna finanzjarja allokata biss hi ġustifikata mill-progress magħmul bl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jibgħat rapport fi

żmien stipulat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tirrevoka l-bqija ta' l-għajnuna finanzjarja u titlob ħlas lura tas-somom li diġà jkunu ngħataw.

5. Kull ħlas li jkun sar mhux kif suppost għandu jingħata lura lill-Kummissjoni. Xi somom li ma jitħallsux fi żmien qasir għandhom jiżdiedu bl-interessi skond il-kundizzjonijiet stipulati mir-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 14*

**L-Evalwazzjoni**

1. Il-programm għandu jkun osservat regolarment sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet magħmula fil-qafas tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha toffri evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

   (a) rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010;

   (b) komunikat dwar il-kontinwazzjoni ta' dan il-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;

   (c) rapport ta' evalwazzjoni ex-post mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015.

*Artikolu 15*

**Id-Dħul fis-seħħ**

in id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Hi tibda' tgħodd mill-1 ta' Jannar 2007.

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST

It-tħejjija tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 kienet immexxija mill-bidu nett minn strateġija primarjament politika, b'mod li tkun assigurata l-konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti allokati biex dawn ikunu milħuqa. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandha tkun meqjusa bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, li għandha tkun appoġġjata permezz ta' żieda sostanzjali fil-mezzi finanzjarji. Fil-Komunikati tagħha "Nibnu l-Futur Komuni tagħna – Sfidi Politiċi u Mezzi Baġitarji għall-Unjoni wara t-Tkabbir 2007-2013"[33] u "Perspettivi Finanzjarji 2007-2013"[34], il-Kummissjoni rrimarkat ukol l-importanza ta' l-użu tar-reviżjoni ta' l-istrumenti legali għall-perspettivi finanzjarji li jmiss biex jinħoloq moviment lejn aktar sempliċità. Permezz ta' strutturazzjoni tal-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali mmexxija mill-politika, ("is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tat-tluq minn post għall-ieħor", "id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", "is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet"), il-Kummissjoni ħejjiet qafas ċar għall-iżvilupp ta' l-interventi finanzjarji tal-Komunità b'appoġġ għat-tliet għanijiet tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà.

## 2. ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI

### 2.1. Analiżi tal-problema

Fi ħdan l-għan tagħha li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-Unjoni hi impenjata li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà billi tiżviluppa azzjonijiet biex tevita u tiġġieled il-kriminalità, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni bejn l-organi differenti ta' infurzar tal-liġi, inkluża l-pulizija. L-identifikazzjoni ta' bżonn kbir ta' numru ta' azzjonijiet f'dan il-qasam politiku wassal għall-proċess li taħtu r-rwol ta' l-Unjoni kiber b'mod kostanti. Oriġinarjament permezz ta' l-hekk imsejjaħ Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna,[35] u primarjament fuq bażi ta' l-orjentazzjonijiet mogħtija mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-1999, l-Unjoni rrispondiet prinċipalment permezz ta' azzjoni leġislattiva, iżda anke bi programmi ta' appoġġ finanzjarju. Kjarifiki ulterjuri tar-rwol ta' l-Unjoni huma previsti fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u permezz tal-Programm The Hague kif adottat mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004. Partikolarment fir-rigward tat-theddid terroristiku, temi marbuta mas-sigurtà kisbu urġenza ġdida u hemm il-bżonn ta' strateġija aktar integrata u operattiva. Fl-istess ħin, il-politika ta' l-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-metodi ta' kriminalità differenti mit-terroriżmu se jkollhom jgħaddu għall-fażi aktar operattiva, filwaqt li l-iżvilupp kontinwu tal-leġislazzjoni f'dak il-qasam għadu importanti.

### 2.2. It-triq 'il quddiem

It-tweġiba proposta għall-dawn l-isfidi huwa programm komprensiv ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet, li jintegra l-possibilitajiet għall-finanzjament taħt il-

---

33 COM(2004) 101, 10.2.2004
34 COM(2004) 487, 14.7.2004
35 ĠU C 19, 23.1.1999, pġ. 1.

programm AGIS eżistenti ma' elementi u prijoritajiet addizzjonali. Dawn jinkludu t-titjib tal-bdil ta' informazzjoni, bl-appoġġ neċessarju ta' l-IT, ħolqien ta' indiċi u l-interoperabilità ta' bażijiet ta' tagħrif, teknoloġija u metodoloġija li jkollha s-sigurtà fit-teknoloġija tal-komunikazzjoni, kunċetti ewlenin bħall-infurzar tal-liġi skond l-*intelligence* miksuba, proġetti bi sħab bejn il-pubbliku u l-privat u strateġiji ġodda għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Rigward it-terroriżmu, l-isforzi jeħtieġu jingħaqdu bis-sħiħ mal-mekkaniżmi tal-protezzjoni ċivili b'mod li tkun assigurata l-preparazzjoni u reazzjoni rapida għar-riskji u t-theddid partikolari mit-terroriżmu. L-istruttura taż-żewġ programmi speċifiċi se tkun simili sa fejn hu possibbli.

Fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, il-kofinanzjament ta' proġetti transnazzjonali taħt il-programm AGIS (dwar temi bħat-taħriġ, skemi ta' skambju, studji, konferenzi, seminars u miżuri oħra li jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni) u l-appoġġ permezz ta' għotjiet operattivi rriżultaw utli u se jkomplu taħt din il-proposta. Fl-istess ħin, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li qed tkun proposta se tikkjarifika l-possibbiltajiet għall-finanzjament ta' proġetti madwar l-UE kollha mibdija u mmexxija mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, se jkun possibbli li jkunu ffinanzjati b'mod konġunt proġetti bilaterali u nazzjonali, b'mod li jkunu mħeġġa inovvazzjoniet bl-għan li tkun trasferita l-esperjenza miksuba għal-livell transnazzjonali u/jew ta' l-UE, filwaqt li tkun faċilitata l-proċedura ta' applikazzjoni għal dawn il-proġetti. L-iskop hu li dan it-tip addizzjonali ta' finanzjament jiżviluppa b'mod ulterjuri t-teknoloġija u l-firxa ta' metodoloġiji disponibbli għall-iskopijiet ta' l-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Peress li l-organi pubbliċi u s-soċjetà ċivili jridu jżommu l-pass mal-metodi dejjem aktar sofistikati tal-kriminali, speċjalment fejn il-kriminalità hi organizzata u topera lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, dan il-pass addizzjonali hu essenzjali.

## 2.3. Għanijiet tal-programm

*a) Definizzjoni ta' għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi*

L-għan primarju tal-programm ġenerali dwar *is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet* hu li jiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini fi ħdan żon ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u li jħarishom mill-atti kriminali, li jistgħu jheddu l-libertajiet individwali, is-soċjetà demokratika u s-supremazija tad-dritt.

Il-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità, b'mod partikolari, jimmira li jagħti kontribut għal livell għoli ta' sigurtà għaċ-ċittadini billi jipprevjeni u jiġġieled il-kriminalità, organizzata jew mhux, b'mod partikolari t-terroriżmu, it-atraffikar tal-persuni u offiżi kontra t-tfal, traffikar illegali tad-drogi u traffikar illegali ta' l-armi, korruzzjoni u frodi.

Fi ħdan dawn l-għanijiet ġenerali, jistgħu jkunu identifikati tliet temi ewlenin:

- li tkun promossa u żviluppata koordinazzjoni, kooperazzjoni u ftehim reċiproku fost l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, awtoritajiet nazzjonali oħra u organi relatati ta' l-UE;
- li jkunu mħeġġa, promossi u żviluppati metodi u għodda orizzontali meħtieġa biex il-kriminalità tkun evitata u miġġielda strateġikament, per eżempju bi sħubijiet pubbliċi-privati, l-aqwa prattika fil-prevenzjoni tal-kriminalità, tqabbil ta' statistika u kriminoloġija applikata u

- li tkun promossa u żviluppata l-aqwa prattika għall-ħarsien tal-vittmi tal-kriminalità u x-xhieda.

*b) Komplementarjetà/koerenza ma' strumenti oħra*

Fit-tħejjija tal-programm, ingħatat attenzjoni partikolari biex ikunu assigurata l-koerenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija ma' programmi oħra li jiffinanzjaw azzjonijiet f'oqsma politiċi relatati, li għalihom għandu jingħata appoġġ skond bażi differenti fit-Trattat.

L-ewwelnett, il-programm hu kkomplementat bi strument sekondarju taħt il-programm ġenerali Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertaijiet, il-programm speċifiku dwar il-*Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu*, li jmur lil hinn mill-infurzar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità fis-sens ta' Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea billi jipprovdi r-rabta meħtieġa mal-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi, inkluża l-ħarsien ta' l-infrastruttura vulnerabbli.

It-tieni, il-komplementarjetà se tkun assigurata mal-programmi ġenerali dwar id-*Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja, u s-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-migrazzjoni*, b'mod partikolari fuq dawn il-linji:

– Filwaqt li l-enfasi tal-proposta mehmuża hi dwar l-infurzar tal-liġi, fis-sens tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u aġenziji oħra mhux ġuridiċi ta' l-infurzar tal-liġi, il-parti dwar il-ġustizzja kriminali tad-*Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja*, tiffoka fuq il-ġudikatura;

– Rigward l-għajnuna għall-vittmi l-programm speċifiku Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità jiffoka fuq il-ħarsien tagħhom mit-theddid kriminali, filwaqt li l-istrumenti msemmija hawn fuq taħt il-programm ġenerali d-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja huma marbuta ma' għajnuna ġenerali għall-vittmi fuq livell ġuridiku, soċjali u/jew livell amministrattiv;

– Rigward l-immigrazzjoni illegali, il-fond għall-fruntieri esterni fi ħdan il-programm ġenerali dwar is-*Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-migrazzjoni* jittratta dwar il-bdil ta' *intelligence* speċifika, filwaqt li l-programm speċifiku dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità jitratta dwar il-bdil ta' informazzjoni fost l-aġenziji ta' infurzar tal-liġi.

It-tielet, il-programm hu komplementari wkoll għall-programmi Komunitarji bħall-Programm qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE, l-Istrument għat-Tweġiba u l-Preparazzjoni għall-emerġenzi maġġuri u l-fondi strutturali.

## 3. L-Evalwazzjoni

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni li tippreżenta l-evalwazzjoni *ex ante* u analiżi preliminari ta' l-impatt tal-programm ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet turi kemm hi xierqa l-opzjoni politika magħżula biex jinkisbu l-għanijiet mistennija.

L-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm AGIS juri biċ-ċar li benefiċjarji potenzjali ħadu interess kbir fih. Il-Kummissjoni rċievet aktar proposti milli jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-baġit disponibbli.

Parti kbira mill-proġetti taħt il-programm AGIS jittrattaw dwar il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi (48.2% tan-numru ta' proġetti ko-finanzjati) jew dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità u/jew il-ġlieda kontra metodi speċifiċi ta' kriminalità (37.5% tal-proġetti ko-finanzjati). Ir-rapport jgħid ukoll li konferenzi u seminars kienu, b'maġġoranza kbira, l-aktar tip importanti ta' azzjoni u jammontaw għal kważi nofs (46.4%) tan-numru totali ta' proġetti ffinanzjati b'mod konġunt. B'26.8%, it-tieni l-aktar grupp rilevanti jikkonċerna r-riċerka, studji u t-twaqqif ta' netwerks. Taħriġ u attivitajiet ta' skambju, li bin-natura tagħhom huma aktar diffiċli biex jiġu implimentati mill-azzjonijiet imsemmija hawn fuq, jammontaw għal wieħed minn kull ħames proġetti ko-finanzjati (20.5%).

Ir-rapport jagħraf li madankollu proporzjon għoli ta' applikazzjoni mibgħuta ma kinux jilħqu l-ħtiġijiet stipulati fis-sejħa għall-proposti minħabba d-diffikultajiet misjuba mill-applikanti biex fl-użu tal-formoli ta' applikazzjoni, u formoli elettroniċi oħra, jew biex jilħqu l-kriterji rilevanti.

Tista' tittieħed il-konklużjoni li hemm bżonn li tkun issemplifikata l-proċedura partikolarment fir-rigward ta' proġetti li jinvolvu strateġiji innovattivi, kemm f'termini ta' tmexxija, ta' metodoloġija jew ta' tmexxija. Ta' spiss jista' jkun aktar diffiċli li ssib imsieħba fi Stati Membri oħra fiż-żmien meħtieġ meta proġett ikun għadu fil-fażi tal-bidu u innovattiva. Għalhekk, il-possibilità ta' proġetti bilaterali u nazzjonali għandha tkun miżjuda, b'mod li tħeġġeġ tipi ta' proġetti innovattivi.

Bħala konklużjoni ulterjuri, jista' jingħad li għall-azzjonijiet mifruxa madwar l-UE kollha bħat-taħriġ u skemi ta' skambju jew mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u netwerks, ta' spiss hemm bżonn ta' konsulenza politika mill-Kummissjoni u/jew, fejn meħtieġ, minn organi ta' l-UE responsabbli. Dan jiġġustifika t-tisħiħ u l-kjarifika tal-qafas għall-proġetti mibdija u/jew immexxija mill-Kummissjoni.

## 4. IL-BAŻI LEGALI U L-ISKOP TA' L-ISTRUMENT POLITIKU

### 4.1. Il-Bażi legali

L-Artikolu 30 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi l-bażi għal azzjoni komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti oħra fil-konfront tal-prevenzjoni, osservazzjoni u investigazzjoni ta' offiżi kriminali, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ma' l-Europol (Artikolu 30, it-tieni paragrafu). Din il-bażi legali tkopri l-għanijiet kollha tal-programm speċifiku Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità. Għalkemm il-kooperazzjoni ġuridika mhix għan partikolari ta' dan il-programm, l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għandu wkoll ikun inkluż hawnhekk, peress li l-interventi finanzjarji jistgħu jkollhom ikopru ċertu azzjonijiet marbuta mal-kooperazzjoni, per eżempju bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Fir-rigward tal-forma ta' strument legali u l-proċedura rilevanti, l-Artikolu 34 (2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi għal deċiżjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità u l-prevenzjoni tagħha. Għalhekk, il-bażi legali proposta hi xierqa fir-rigward ta' l-iskopijiet tal-programm speċifiku.

Taħt it-Trattati preżenti, il-proċedura għall-adozzjoni ta' strumenti legali fil-qasam tal-pulizija u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi hi differenti sew minn dik dwar il-protezzjoni ċivili. Għalhekk, mhux possibbli li jkunu maqgħuda l-għanijiet rilevanti kollha tal-programm ġenerali fi strument legali wieħed. Għaldaqstant, qed jiġu proposti żewġ strumenti: wieħed,

programm speċifiku dwar il-"Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" bbażat fuq it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea; it-tieni, programm dwar il-"Prevenzjoni, il-Preparazzjoni u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu", ibbażat fuq it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea".[36]

## 4.2. L-Azzjonijiet definiti fi ħdan il-programm

Dawn it-tipi differenti ta' azzjonijiet huma mistennija:

- Proġetti b'dimensjoni Ewropea mibdija u mmexxija mill-Kummissjoni, *inter alia* mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u netwerks, attivitajiet analitiċi inklużi studji u attivitajiet bl-għan li jkunu żviluppati soluzzjonijiet li huma speċifikament marbuta ma' proġetti politiċi konkreti, taħriġ, skambju ta' persunal;

- Proġetti transnazzjonalii mibdija u mmexxija minn ta' l-anqas żewġ Stati Membri (jew Stat Membru u pajjiż applikant) taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-programmi annwali tax-xogħol;

- Proġetti nazzjonali fi ħdan l-Istati Membri skond il-kundizzjonijiet stipulati hawn taħt u kundizzjonijiet oħra stipulati fil-programmi annwali tax-xogħol;

- Għotijiet operattivi lil organizzazzjonijiet mhux governattivi li jfittxu li jilħqu, mhux għall-profitt, għanijiet b'dimensjoni Ewropea, skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-programmi annwali tax-xogħol.

Hu previst li l-proġetti nazzjonali jkunu eliġibbli biss bħala miżuri tal-bidu jew miżuri komplimentari (bi tħejjija għal jew b'komplementarjetà ma' proġetti transnazzjonali jew Ewropej), jekk għandhom il-potenzjal li jittrasferixxu r-riżultati fuq livell ta' l-UE jew inkella jekk jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp tal-politika ta' l-Unjoni dwar il-prevenzjoni u/jew il-ġlieda kontra l-kriminalità.

## 4.3. Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Il-proposta tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità kif stipulati fl-Artikolu 5 li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-protokoll li jakkumpanjah. Fir-rigward tas-sussidjarjetà, il-programm propost ma jippruvax jintervjeni f'oqsma li huma koperti minn programmi nazzjonali żviluppati mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru iżda jiffoka fuq oqsma fejn għandu jkun mistenni valur miżjud fuq livell Ewropew. Għal dan l-għan, il-maġġoranza ta' l-attivitajiet appoġġjati mill-programm jistgħu jitqiesu bħala komplementari għall-programmi nazzjonali u li jfittxu li jiksbu l-aktar possibbli mis-sinerġiji li joħorġu mill-azzjonijiet implimentati minn żewġ Stati Membri jew aktar (li jistgħu jinkludu anke l-pajjiżi kandidati).

Fir-rigward tal-proporzjonalità, il-proposta kienet iddisinjata biex timmassimizza s-semplifikazzjoni fit-termini mhux biss tal-forma ta' l-azzjoni – id-definizzjonijiet ta' l-azzjonijiet fit-test leġislattiv huma miżmuma kemm jista' jkun ġeneriċi – iżda anke f'termini ta' ħtiġijiet amministrattivi u finanzjarji li se japplikaw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-

---

[36] COM …..

Kummissjoni fittxet bilanċ xieraq bejn il-flessibilità u l-faċilità ta' l-użu fuq naħa, u ċ-ċarezza fl-iskop u garanziji finanzjarji u proċedurali xierqa fuq l-oħra.

Wara l-linji ta' gwida indikati fil-protokoll dwar l-applikazzjoni taż-żewġ prinċipji, hu ċar li t-temi li dan il-programm fi ħsiebu jindirizza għandhom aspetti transnazzjonali u għalhekk kull azzjoni fuq livell ta' l-Unjoni se tkun ta' benefiċċju meta mqabbla ma' azzjonijiet fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

## 4.4. Is-Semplifikazzjoni u r-Razzjonalizzazzjoni

L-istrateġija proposta se tagħti kontribut għall-għan ewlieni ta' semplifikazzjoni ta' l-istrumenti, kemm f'termini legali kif ukoll amministrattivi, kif ukoll għal semplifikazzjoni ta' l-istruttura tal-baġit. Din se twassal ukoll għall-żieda fil-koerenza u l-konsistenza bejn, u tevita d-duplikazzjoni ta', l-istrumenti. Filwaqt li se jkun hemm bżonn ta' riżorsi umani addizzjonali biex tlaħħaq ma' tkabbir futur, titjib fl-allokazzjoni tar-riżorsi umani se tinkiseb billi entrati baġitarji iżgħar jkunu mwaqqfa (li jagħmlu użu kbir mir-riżorsi) u billi jinġabru flimkien programmi eżistenti fi programm uniku, koerenti u semplifikat. Dan se jirriżulta f'aktar proporzjonalità bejn in-nefqa u l-ispejjeż amministrattivi marbuta.

Ir-razzjonalizzazzjoni proposta se tibbenefika anke lill-utent peress li żżid l-viżibilità, iċ-ċarezza u koerenza ta' dawn l-istrumenti. Benefiċjarji potenzjali se jsibuha aktar faċli biex japplikaw għall-finanzjament bis-saħħa ta' l-istrateġija standardizzata u d-dispożizzjonijiet implimentattivi armonizzati.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-baġit għall-programm lil aġenzija eżekuttiva, kif riferut f'Artikolu 54(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju. Din it-tip ta' aġenzija tista' titwaqqaf mill-Kummissjoni b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill nru. 58/2003 li jindika l-istatut għall-aġenziji edukattivi li jistgħu jkunu fdati b'ċertu dmirijiet fit-tmexxija tal-programmi Komunitarji. Qabel id-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni tħejji analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji tad-delegazzjoni lil terzi (*outsourcing)*, l-impatt fuq ir-riżorsi umani, tifdil possibbli, effiċjenza u flessibilità fl-implimentazzjoni ta' xogħlijiet delegati lil terzi, semplifikazzjoni tal-proċeduri użati, prossimità ta' l-attivitajiet delegati lil terzi għall-benefiċjarji finali, viżibilità tal-Komunità u l-bżonn li jinżamm livell adegwat ta' għarfien fi ħdan il-Kummissjoni.

L-istrument il-ġdid propost isegwi r-rotta li kienet determinata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-isfidi politiċi u finanzjarji mis-sena 2007 'il quddiem. L-għan hu li jkunu komplimentati, issemplifikati u razzjonalizzati l-istrumenti eżistenti u li tkun assigurata l-flessibilità meħtieġa biex ikunu milħuqa l-għanijiet l-ġodda u biex tlaħħaq mingħajr problemi mal-qafas legali li se jkun stabbilit hekk kif it-Trattat Kostituzzjonali jidħol fis-seħħ.

## 5. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ammont totali indikat għall-programm ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet hu ta' EUR 745 miljun għall-perjodu 2007-2013 (fil-prezzijiet preżenti). F'din l-allokazzjoni, EUR 602.6 miljun huma indikati għall-programm Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità.

2005/0035 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**Li tistabbilixxi l-Programm speċifiku dwar il-"Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" għall-Perjodu 2007-2013,**

**Programm Ġenerali dwar "is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet"**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 30, 31 u 34(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[37],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[38],

Filwaqt li:

(1) Għandu jinkiseb l-għan ta' l-Unjoni li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fi ħdan żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skond id-dispożizzjoni li hemm fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2, u fl-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi tevita u tiġġieled il-kriminalità, organizzata jew mhux.

(2) Biex tħares il-libertà u s-sigurtà taċ-ċittadini u s-soċjetà tagħna mill-attivitajiet kriminali, l-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tevita, tagħraf, tinvestiga u sseħħ prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' kriminalità b'mod effiċjenti u effettiv, b'mod partikolari f'każijiet li għandhom element li jmur lil hinn mill-fruntieri.

(3) Il-Kunsill Ewropew, fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere ta' Ottubru 1999,[39] reġa' ddikjara bħala prijorità l-ħarsien taċ-ċittadini mill-attivitajiet kriminali varji permezz tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità – permezz tal-Programm The Hague ta' Novembru 2004,[40] id-dikjarazzjonijiet dwar it-terroriżmu ta' Settembru 2001 u Marzu 2004[41] u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drogi ta' Diċembru 2004.[42]

(4) Il-programm qafas dwar il-pulizija u l-kooperazzjoni ġuridika dwar kwistjonijiet kriminali (AGIS) imwaqqaf permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/630/JHA tat-22

---

[37] ĠU C …
[38] ĠU C …
[39] ĠU C
[40] ĠU C ….
[41] ĠU C …
[42] ĠU C …

ta' Lulju 2002[43] kkontribwixxa b'mod konsiderevoli lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u aġenziji oħra ta' infurzar tal-liġi u l-ġudikatura fl-Istati Membri u biex ikun hemm titjib fil-ftehim reċiproku u fil-fiduċja reċiproka tal-pulizija, ġudikatura u s-sistemi legali u amministrattivi tagħhom.

(5) Hu meħtieġ u xieraq li jkunu estiżi l-possibbiltajiet għall-finanzjament tal-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu u jiġġieldu l-kriminalità u li jkunu riveduti l-modalitajiet fl-interess ta' l-effikaċja, l-effiċjenza ta' l-ispejjeż u t-trasparenza.

(6) L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u proġetti transnazzjonali jibqgħu importanti biex ikun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar mill-qrib u ta' livell ogħla fost l-Istati Membri. Iktar minn hekk, ikun utli u xieraq li jkunu appoġġjati proġetti fi ħdan l-Istati Membri sal-punt fejn huma jkunu jistgħu jipprovdu esperjenza utli u għarfien għal azzjonijiet ulterjuri fuq livell ta' l-Unjoni.

(7) Hekk kif il-kriminalità m'għadhiex limitata fi ħdan il-fruntieri, hu xieraq li pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jieħdu sehem fi proġetti transnazzjonali.

(8) Il-komplementarjetà jeħtieġ li tkun assigurata fir-rigward ta' programmi oħra ta' l-Unjoni u tal-Komunità, bħall-Programm qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istrument għat-Tweġiba u l-Preparazzjoni għal emerġenzi maġġuri u l-Fondi Strutturali.

(9) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni li trid tittieħed, partikolarment il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u dik li tmur lil hinn mill-fruntieri, ma jistgħux jinkisbu bis-sħiħ mill-Istati Membri u għaldaqstant, għal raġunijiet ta' skala u ta' impatt ta' l-inizjattiva, jinkisbu aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat f'Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(10) B'konformità ma' Artikolu 41(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, hu meħtieġ u xieraq li n-nefqa operattiva tkun iffinanzjata taħt Titolu VI mill-baġit Komunitarju.

(11) In-nefqa tal-programm għandha tkun kompatibbli mar-rata massima taħt Titolu 3 tal-perspettiva finanzjarja. Hu meħtieġ li tkun prevista flessibilità fid-definzzjoni tal-programm b'mod li jkunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti eventwali fl-azzjonijiet previsti, b'mod li jwieġbu għall-evoluzzjoni tal-bżonnijiet matul il-perjodu 2007-2013. Id-deċiżjoni għandha, għalhekk, tkun limitata għad-definizzjoni ġenerika ta' l-azzjonijiet previsti u l-arranġamenti amministrattivi u finanzjarji rispettivi

(12) Il-miżuri meħtieġa biex tkun implimentata din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skond il-proċeduri stipulati fiha, bl-assistenza ta' kumitat ta' konsulenza. Dan huwa f'loku peress illi l-programm m'għandux impatt sinifikanti fuq il-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.

(13) Miżuri xierqa għandhom jittieħdu wkoll biex ikunu evitati irregolaritajiet u frodi u l-passi meħtieġa għandhom jittieħdu biex ikunu rkuprati fondi mitlufa, imħallsa ħażin

[43] ĠU L 203, 1.8.2002, pġ. 5

jew użati b'mod mhux korrett skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet,[44] u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar verifiki u spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni[45].

(14) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[46] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) 2342/2002 tat-23 ta' Diċmebru 2002 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[47], li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom ikunu applikati b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' sempliċità u konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti baġitarji, limiti fuq in-numru ta' każi fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-isforz amminsitrattiv marbut ma' l-użu tagħhom.

(15) Hu xieraq li jkun mibdul il-programm qafas dwar il-pulizija u l-kooperazzjoni ġuridika f'oqsma kriminali (AGIS)[48] mill-1 ta' Jannar 2007 'il quddiem b'dan il-programm u bi progrramm ġdid dwar il-ġustizzja kriminali[49].

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ

*Artikolu 1*

**Is-Suġġett**

Din id-deċiżjoni tistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-programm speċifiku "Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità", min hawn 'il quddiem riferut bħala "il-programm" bħala parti mill-programm ġenerali "dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" b'mod li jingħata kontribut għat-tisħiħ taż-żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

*Artikolu 2*

**L-Għanijiet ġenerali tal-programm**

1. Dan il-programm għandu jagħti kontribut għal livell għoli ta' sigurtà għaċ-ċittadini billi jipprevjeni u jiġġieled il-kriminalità, organizzata jew mhux, b'mod partikolari t-terroriżmu, it-traffikar tal-persuni u offiżi kontra t-tfal, traffikar illegali tad-drogi u traffikar illegali ta' l-armi, korruzzjoni u frodi.

2. Mingħajr preġudizzju għall-għanijiet u s-setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' l-oqsma ta' politika tal-Komunità.

44 ĠU L 312, 23.12.1995, pġ.1.
45 ĠU L 292, 15.11.1996, pġ. 2.
46 ĠU L 248, 16.9.2002, pġ.1.
47 ĠU L 357, 31.12.2002, pġ.1.
48 ĠU L 203, 1.8.2002, pġ. 5.
49 ….

*Artikolu 3*

**It-Temi u l-għanijiet speċifiċi**

1. Il-programm għandu jikkonsisti fi tliet temi:

   (a) l-infurzar tal-liġi

   (b) il-prevenzjoni tal-kriminalità u kriminoloġija

   (c) il-ħarsien tax-xhieda u l-vittmi.

2. Fi ħdan l-għanijiet ġenerali, il-programm għandu jagħti kontribut għall-għanijiet speċifiċi segwenti:

   (a) li jippromwovi u jiżviluppa l-koordinament, kooperazzjoni u ftehim reċiproku fost l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, awtoritajiet nazzjonali oħra u organi relatati ta' l-Unjoni;

   (b) li jħeġġeġ, jippromwovi u jiżviluppa metodi u għodda orizzontali meħtieġa biex il-kriminalità tkun evitata u miġġielda strateġikament, per eżempju bi sħubijiet pubbliċi-privati, l-aqwa prattika fil-prevenzjoni tal-kriminalità, tqabbil ta' statistika u kriminoloġija applikata u

   (c) li tkun promossa u żviluppata l-aqwa prattika għall-ħarsien tal-vittmi tal-kriminalità u x-xhieda.

3. Il-programm ma jittrattax dwar il-kooperazzjoni ġuridika. Madankollu, jista' jkopri xi azzjonijiet li jkollhom l-għan ta' kooperazzjoni bejn awtoritajiet ġuridiċi u awtoritajiet responsabbli mill-infurzar tal-liġi.

*Artikolu 4*

**Azzjonijiet eliġibbli**

1. Bl-għan li jkunu segwiti l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikoli 2 u 3, il-programm għandu jipprovdi l-appoġġ finanzjarju għat-tipi segwenti ta' azzjonijiet:

   (a) Proġetti mibdija u mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea;

   (b) Proġetti transnazzjonali, li għandhom jinvolvu msieħba minn ta' l-anqas żewġ Stati Membri, jew ta' l-anqas Stat Membru wieħed u pajjiż applikant;

   (c) Proġetti nazzjonali fi ħdan Stati Membri li

      – iħejju proġetti transnazzjonali u/jew azzjonijiet ta' l-Unjoni ("miżuri tal-bidu"),

      – jikkumplimentaw proġetti transnazzjonali u/jew ta' l-Unjoni ("miżuri komplementari")

– jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' metodi u/jew tekonoloġiji innovattivi b'potenzjal li jkunu trasferiti għal azzjonijiet fuq livell ta' l-Unjoni, jew li jiżviluppaw tali metodi jew tekonoloġiji bl-għan li jittrasferuhom lil Stati Membri oħra u/jew pajjiżi applikanti, jew

– b'xi mod ieħor jagħtu kontribut konsiderevoli għall-iżvilupp tal-politika ta' l-Unjoni dwar il-prevenzjoni u/jew il-ġlieda kontra l-kriminalità;

(d) Għotijiet operattivi lil organizzazzjonijiet mhux governattivi li jfittxu li jilħqu, mhux għall-profitt, l-għanijiet ta' dan il-programm b'dimensjoni Ewropea.

2. B'mod partikolari, l-appoġġ finanzjarji jista' jingħata għal:

– azzjonijiet dwar kooperazzjoni u koordinazzjoni operattiva (tisħiħ ta' *networking*, konfidenza u ftehim reċiproku, bdil u tixrid ta' informazzjoni, esperjenza u l-aqwa prattika)

– attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni,

– żvilupp u trasferiment ta' teknoloġija u metodoloġija,

– taħriġ, skambju ta' personell u esperti, u

– attivitajiet ta' għarfien u tixrid.

*Artikolu 5*

**Aċċess għall-programm**

1. Il-programm hu mmirat għall-aġenziji ta' infurzar tal-liġi, organi, atturi u istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati oħra, atturi u istituzzjonijiet oħra, inklużi awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, l-imsieħba soċjali, universitajiet, uffiċċji ta' statistika, media, għaqdiet mhux governattivi, sħubijiet pubbliċi-privati u organi internazzjonali rilevanti.

2. Applikazzjonijiet għall-proġetti u għotjiet operattivi jistgħu jkunu ppreżentati minn organi jew organizzazzjonijiet b'personalità legali mwaqqfa fl-Istati Membri.

3. Proposti għall-proġetti nazzjonali kif definiti fl-Artikolu 4(1)(c) għandhom ikunu mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Istati Membri,. Il-Kummissjoni għandha tistipula kull sena d-data ta' meta għandhom jintbagħtu l-proġetti u tiddeċiedi dwar il-proposti b'konformità ma' l-Artikolu 7(4).

4. Fir-rigward ta' proġetti transnazzjonali, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jieħdu sehem bħala msieħba iżda ma jistgħux jippreżentaw proġetti.

*Artikolu 6*

**It-Tipi ta' intervent**

1. L-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni jista' jieħu l-forom legali segwenti:

(a) l-Għotjiet

(b) il-Kuntratti ta' akkwisti pubbliċi

2. L-għotjiet ta' l-Unjoni normalment għandhom jingħataw wara sejħiet għall-proposti, u għandhom ikunu pprovduti permezz ta' għotjiet operazzjonali u għotjiet għall-azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament se tkun speċifikata fil-programmi annwali tax-xogħol.

3. Nefqa hi prevista għall-miżuri ta' akkumpanjament, permezz ta' akkwisti pubbliċi, fejn f'dak il-każ l-fondi ta' l-Unjoni se jkopru x-xiri tas-servizzi u prodotti. Dan ikopri, *inter alia*, l-ispiża fuq l-informazzjoni u komunikazzjoni, tħejjija, implimentazzjoni, monitoraġġ, verifika u evalwazzjoni tal-proġett, politika, programmi u leġislazzjoni.

*Artikolu 7*

**Il-Miżuri implimentattivi**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju ta' l-Unjoni b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, min hawn 'il quddiem riferit bħala "Regolament Finanzjarju".

2. Biex ikun implimentat il-programm, il-Kummissjoni għanda, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali definiti f'Artikolu 2, tadotta programm annwali tax-xogħol li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi, prijoritajiet tematiċi, deskrizzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament previsti f'Artikolu 6(3) u jekk meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħra.

3. Il-programm annwali tax-xogħol għandu jkun adottat b'konformità mal-proċedura stipulata f'Artikolu 9.

4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u għoti ta' għotjiet għall-azzjonijiet għandhom jikkunsidraw, *inter alia*, il-kriterji segwenti:

(a) konformità mal-programm annwali tax-xogħol, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati f'Artikolu 2 u miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikat f'Artikoli 3 u 4;

(b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta fir-rigward tal-konċepiment, organizzazzjoni, preżentazzjoni u riżultati mistennija;

(c) l-ammont mitlub għall-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni u kemm dan hu xieraq fil-konfront tar-riżultati mistennija;

(d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali speċifikati f'Artikolu 2 u miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikat f'Artikoli 3 u 4;

5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi, li hemm referenza għalihom f'Artikolu 4(1)(d), għandhom ikunu analizzati, inter alia, fid-dawl ta'

(a) il-konsistenza ma’ l-għanijiet tal-programm;

(b) il-kwalità ta’ l-attivitajiet ippjanati;

(c) x’effett moltiplikattiv fuq il-pubbliku aktarx se jkollhom dawn l-attivitajiet;

(d) l-impatt ġeografiku ta’ l-attivitajiet imwettqa;

(e) il-proporzjon ta’ l-ispejjeż/benefiċċji.

*Artikolu 8*

**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat, kompost minn rappreżentanti ta’ l-Istati Membri u presedjut minn rappreżentant tal-Kummissjoni, minn hawn ’il quddiem riferut bħala l-“Kumitat”.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta’ Proċedura tiegħu.

*Artikolu 9*

**Il-Proċedura ta’ konsulenza**

1. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, fi żmien limitat li l-Presidenza tista’ tistipula skond l-urġenza tal-kwistjoni, f’każ ta’ bżonn b’votazzjoni.

2. L-opinjoni għandha tkun miżmuma fil-minuti; kull Stat Membru jista’ jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tkun miżmuma fil-minuti.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar qies possibbli lill-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Hi għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-mod ta’ kif l-opinjoni kienet ikkunsidrata.

*Artikolu 10*

**Il-Komplimentarjetà**

1. Sinerġija, konsistenza u komplimentarjetà se jkunu mfittxija flimkien ma’ strumenti oħra ta’ l-Unjoni u l-Komunità, *inter alia* mal-programmi Prevenzjoni, Preparazzjoni u Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu,[50] Ġustizzja kriminali[51], il-Programm

50 …

51 …

qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku,[52] il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea, u l-Istrument ta' Tweġiba u Preparazzjoni għall-emerġenzi maġġuri.[53]

2. Il-programm jista' jaqsam ir-riżorsi ma' strumenti oħra ta' l-Unjoni u l-Komunità, b'mod partikolari l-programm Prevenzjoni, Preparazzjoni u Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu, b'mod li jimplimenta azzjonijiet li jilħqu l-għanijiet kemm tal-programm kif ukoll ta' strumenti ta' l-Unjoni/Komunità oħrajn.

3. Operazzjonijiet finanzjati taħt din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievi appoġġ finanzjarju għall-istess skop minn strumenti finanzjarji oħra ta' l-Unjoni/Komunità. Il-benifċjarji tal-programm għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-finanzjament miksub mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u minn sorsi oħra, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet pendenti għal finanzjament.

*Artikolu 11*

**Ir-Riżorsi Baġitarji**

Ir-riżorsi baġitarji allokati għall-azzjonijiet li hemm dispożizzjoni għalihom f'dan il-programm għandhom ikunu inklużi fl-allokazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-allokazzjonijiet annwali disponibbli għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

*Artikolu 12*

**Il-Monitoraġġ**

1. Għal kull azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jissottometti rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Rapport finali għandu jkun sottomess ukoll fi żmien tliet xhur wara li tintemm l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeterimina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Mingħajr preġudizzjoni għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien ma' l-organi jew dipartimenti nazzjonali tal-verifika kompetenti, b'konformità ma' Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew kull spezzjoni mwettqa b'konformità ma' Artikolu 279(c) ta' dak it-Trattat, l-uffiċjali u pers ieħor tal-Kummissjoni għandhom iwettqu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki ta' kampjuni, fuq l-azzjonijiet finanzjati mill-programm.

3. Kuntratti u ftehim li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-programm għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-superviżjoni u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u awditjar mill-Qorti ta' l-Awdituri.

52 …
53 …

4. Għall-perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta' xi azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-appoġġ finanzjarju għandu jżomm disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' referenza dwar l-infiq marbut ma' din l-azzjoni.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki ta' kampjuni li hemm referenzi għalihom f'paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tadatta l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju oriġinarjament approvat kif ukoll skeda għall-pagamenti.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu kull azzjoni meħtieġa oħra biex tivverifika li l-azzjonijiet finanzjati huma mwettqa sew u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u r-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 13*

**Il-Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni għandha tassigura li, meta l-azzjonijiet finanzjati taħt id-Deċiżjoni preżenti jkunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni preventiva ta' miżuri kontra l-frodi, korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra permezz ta' kontrolli effettivi u bil-ġbir lura ta' ammonti mħallsa b'mod mhux iġġustifikat u, jekk ikunu identifikati irregolaritajiet, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi, b'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u mar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Għall-azzjonijiet ta' l-Unjoni finanzjati taħt il-programm, Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kull ksur ta' dispożizzjoni ta' liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligi kuntrattwali stipulati fuq bażi tal-programm, li jirriżultaw minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati minnhom, permezz ta' infiq mhux iġġustifikat.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' appoġġ finanzjarju għal azzjoni jekk issib irregolaritajiet, inkluż in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew ftehim li jagħti l-appoġġ finanzjarju partikolari, jekk isir magħruf li, mingħajr ma kienet mitluba l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni kienet suġġetta għal bidla li hi konfliġġenti man-natura jew il-kundizzjonijiet implimentattivi tal-proġett.

4. Jekk il-limiti ta' żmien ma kinux osservati jew jekk parti biss mill-appoġġ finanzjarju allokat hu ġustifikat mill-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jissottometti osservazzjonijiet fi żmien perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-appoġġ finanzjarju li fadal u titlob ħlas lura tas-somom li diġà jkunu tħallsu.

5. Kull ħlas mhux dovut għandu jkun imħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżdiedu l-interessi fuq sommom li ma jitħallsux fiż-żmien stipulat skond il-kundizzjonijiet stipulati mir-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 14*

**Evalwazzjoni**

1. Il-programm se jkun immonitorat regolarment b'mod li tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet li jaqgħu taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tassigura evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(a) rapport ta' evalwazzjoni *interim* dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010;

(b) Komunikat dwar il-kontinwazzjoni tal-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;

(c) rapport ta' evalwazzjoni *ex-post* mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015.

*Artikolu 15*

**Id-Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Din id-Deċiżjoni għandha, mill-1 ta' Jannar 2007, tieħu post id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 2002/630/JHA li tistabbilixxi programm qafas dwar il-pulizija u l-kooperazzjoni ġuridika f'oqsma kriminali (AGIS).[54]

2. L-azzjonijiet mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 b'konformità mad-Deċiżjoni 2002/630/JHA għandhom jibqgħu jiġu amministrati, sakemm jintemmu, minn din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha ssir applikabbli mill-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

---

[54] ĠU L 203, 1.8.2002, p. 5.

## FINANCIAL STATEMENT

## LEGISLATIVE FINANCIAL STATEMENT

### 1. NAME OF THE PROPOSAL :

**Programme "Security and Safeguarding Liberties"**

Proposal for a Council Decision creating the programme "Prevention of and Fight against Crime" for the period 2007-2013

Proposal for a Council Decision creating the programme "Prevention, Preparedness and Consequence Management of Terrorism" for the period 2007-2013

### 2. ABM / ABB FRAMEWORK

1805 – Law enforcement cooperation and fight of and against general and organised crime

### 3. BUDGET LINES

**3.1. Budget lines (operational lines and related technical and administrative assistance lines (ex- B.A lines)) including headings :**

Financial Perspectives 2007-2013 : Heading 3.

**3.2. Duration of the action and of the financial impact:**

2007-2013

**3.3. Budgetary characteristics (*add rows if necessary*) :**

| BUDGET LINE | TYPE OF EXPENDITURE | | NEW | EFTA CONTRIBUTION | CONTRIBUTIONS FROM APPLICANT COUNTRIES | HEADING IN FINANCIAL PERSPECTIVE |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **PREVENTION OF AND FIGHT AGAINST CRIME** | **NON-COMP** | **DIFF** | **NO** | **NO** | **NO** | NO **3** |
| **PREVENTION, PREPAREDNESS AND** | **NON-COM** | **DIFF** | **YES** | **NO** | **NO** | NO **3** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| CONSEQUENCE MANAGEMENT OF TERRORISM | **P** | | | | | |

MT



MT

## 4. SUMMARY OF RESOURCES

### 4.1. Financial Resources (Current Prices)

*4.1.1. Summary of commitment appropriations (CA) and payment appropriations (PA)*

*EUR million (to 3 decimal places)*

| **Expenditure type** | Section no. | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 -… | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Operational expenditure (8.1)** | | | | | | | | | | | |
| Commitment Appropriations (CA) | Prevention of and fight against crime | a | 44,600 | 50,900 | 71,800 | 85,600 | 108,000 | 117,200 | 119,500 | | 597,600 |
| | Prevention, Preparedness and Consequence Management of Terrorism | a | 12,700 | 15,200 | 17,700 | 20,300 | 23,000 | 23,400 | 25,100 | | 137,400 |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Payment Appropriations (PA) | Prevention of and fight against crime | b | 22,300 | 43,920 | 60,090 | 74,520 | 94,040 | 108,120 | 116,510 | 78,100 | 597,600 |
| | Prevention, Preparedness and Consequence Management of Terrorism | b | 6,350 | 12,930 | 15,950 | 18,500 | 21,130 | 22,660 | 24,170 | 15,710 | 137,400 |
| **Administrative expenditure within reference amount (8.2.4)** | | | | | | | | | | | |
| Technical & administrative assistance (NDA) | 8.2.4 | c | 0,700 | 0,900 | 1,500 | 1,100 | 2,000 | 1,400 | 2,400 | | 10,000 |
| **TOTAL REFERENCE AMOUNT** | | | | | | | | | | | |
| **Commitment Appropriations** | | **a+c** | **58,000** | **67,000** | **91,000** | **107,000** | **133,000** | **142,000** | **147,000** | | **745,000** |
| **Payment Appropriations** | | **b+c** | **29,350** | **57,750** | **77,540** | **94,120** | **117,170** | **132,180** | **143,080** | **93,810** | **745,000** |
| **Administrative expenditure not included within reference amount** | | | | | | | | | | | |
| Human resources and associated expenditure (NDA) | 8.2.5 | d | 4,050 | 4,320 | 4,752 | 5,130 | 5,508 | 5,832 | 5,940 | | 35,532 |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Administrative costs, other than human resources and associated costs, not included in reference amount (NDA) | 8.2.6 | e | 0,670 | 0,725 | 0,753 | 0,768 | 0,784 | 0,799 | 0,815 | | 5,316 |
| **Total indicative financial cost of intervention** | | | | | | | | | | | |
| **TOTAL CA including cost of Human Resources** | | a+c+d+e | 62,720 | 72,045 | 96,505 | 112,898 | 139,292 | 148,631 | 153,755 | | 785,848 |
| **TOTAL PA including cost of Human Resources** | | b+c+d+e | 34,070 | 62,795 | 83,045 | 100,018 | 123,462 | 138,811 | 149,835 | 93,810 | 785,848 |

**Co-financing details**

If the proposal involves co-financing by Member States, or other bodies (please specify which), an estimate of the level of this co-financing should be indicated in the table below (additional lines may be added if different bodies are foreseen for the provision of the co-financing):

*EUR million (to 3 decimal places)*

| Co-financing body | | Year n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n + 5 and later | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| …………………… | f | | | | | | | |
| TOTAL CA including co-financing | a+c +d+ e+f | | | | | | | |

*4.1.2. Compatibility with Financial Programming*

X Proposal is compatible with next financial programming 2007-2013

☐ Proposal will entail reprogramming of the relevant heading in the financial perspective.

☐ Proposal may require application of the provisions of the Interinstitutional Agreement[55] (i.e. flexibility instrument or revision of the financial perspective).

*4.1.3. Financial impact on Revenue*

X Proposal has no financial implications on revenue

☐ Proposal has financial impact – the effect on revenue is as follows:

***NB: All details and observations relating to the method of calculating the effect on revenue should be shown in a separate annex.***

EUR million (to one decimal place)

| | Prior to | Situation following action |
|---|---|---|

